



Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOBEK
ippreżentati fis-16 ta' Lulju 2020¹

Kawża C-761/18 P

Päivi Leino-Sandberg
vs

Il-Parlament Ewropew

(Appell — Access għal dokumenti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Talba għal aċċess minn terzi għal dokument li kien qiegħed jiġi kkontestat quddiem il-Qorti Ġenerali meta saret it-talba — Ċaħda mill-Parlament Ewropew tal-aċċess fuq il-bażi tal-protezzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji — Azzjoni għal annullament — Dikjarazzjoni li ma hemmx bżonn deċiżjoni minħabba d-disponibbiltà tad-dokument mitlub fuq il-blog tal-internet tad-destinatarju — Għan tal-azzjoni għal annullament — Interess ġuridiku kontinwu fil-proċeduri — Konsegwenzi ġudizzjarji li jirriżultaw mill-pubblikazzjoni mid-destinatarju ta' verżjoni tad-dokument mitlub)

I. Introduzzjoni

1. Għad-dilettanti tal-fantaxjenza, “l-ivjaġġar mingħajr moviment” jibqa’ dejjem assoċjat ma’ “Dune” ta’ Frank Herbert², partikolarment meta mpinġi mill-fantasija surreali tal-film tal-1984 ta’ David Lynch³.
2. Madankollu, huwa possibbli, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni⁴, li jkun hemm “żvelar mingħajr għoti”? Din hija, f’qosor metaforiku, il-mistoqija ewlenija ta’ dan l-appell.
3. Päivi Leino-Sandberg fittxet aċċess għal dokument tal-Parlament Ewropew. It-talba tagħha ġiet miċħuda fuq il-bażi li d-dokument mitlub kien qiegħed jiġi kkontestat mid-destinatarju tiegħu quddiem il-Qorti Ġenerali⁵. Skont il-Parlament, dan ma setax, għalhekk, jiġi żvelat minħabba l-protezzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001. P. Leino-Sandberg ressqet rikors għall-annullament ta’ din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti Ġenerali. Madankollu, mingħar l-għarfien ta’ P. Leino-Sandberg u tal-Parlament, verżjoni tad-dokument mitlub kienet diġà ġiet magħmula disponibbli fuq blogspot (privata), ippublikata

¹ Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

² L-ewwel edizzjoni ppublikata minn Chilton, Philadelphia, fl-1965.

³ Madankollu jkun jidher li għal oħrajn, l-“ivjaġġar mingħajr moviment” huwa iktar assoċjat mat-titolu tat-tielet studio album irrilaxxat mill-grupp Brittaniku funk u acid jazz Jamiroquai fl-1996.

⁴ Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3 p. 43).

⁵ Dik il-kawża wara wasslet għas-sentenza tat-22 ta’ Marzu 2018, De Capitani vs Il-Parlament (T-540/15, EU:T:2018:167).

hemm mid-destinatarju ta' dan id-dokument. Għal din ir-raġuni, il-Qorti Ġenerali sussegwentement iddikjarat li ma kienx hemm hteġġa li tittieħed deċiżjoni fuq ir-rikors għax id-dokument mitlub kien diġà disponnibbli fuq l-internet.

4. X'inhuma l-konsegwenzi legali li jirriżultaw mill-publikazzjoni onlajn, minn terz, ta' verżjoni ta' dokument li kien is-suġġett ta' talba għal aċċess skont ir-Regolament Nru 1049/2001 fi proċeduri pendenti quddiem il-qrati tal-Unjoni? Tista' azzjoni kontra ċaħda ta' aċċess għal dak id-dokument tingħad li tilfet l-iskop tagħha u r-rikorrenti ma għandha ebda interess ulterjuri fl-eżitu tal-kawża, filwaqt li d-deċiżjoni negattiva oriġinali tal-istituzzjoni li rrifjutat aċċess għadha tapplika u r-rikorrenti qatt ma ngħatat verżjoni awtentika tad-dokument mitlub mill-istituzzjoni inkwistjoni?

II. Il-qafas ġuridiku tal-Unjoni

A. Ir-Regolament Nru 1049/2003

5. L-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni jgħid:

“L-għan ta' dan ir-Regolament huwa:

- (a) li jfisser il-prinċipji, kondizzjonijiet u limiti minħabba raġunijiet ta' interess pubbliku jew privat, li jirregolaw l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa 'l-istituzzjonijiet') previsti fl-Artikolu 255 tat-Trattat tal-KE sabiex jiġi żgurat l-akbar aċċess għal dokumenti,
- (b) li jstabbilixxi regoli li jiżguraw l-aktar faċilità fl-eżerċizzju ta' dan id-dritt, u
- (c) li jimpromwovi prattika amministrattiva tajba fl-aċċess għad-dokumenti.

6. L-Artikolu 2, intitolat “Benefiċjarji u skop”, jipprovdi li:

“1. Kull ċittadin ta' l-Unjoni, u kull persuna naturali jew legali residenti jew bl-uffiċċju reġistrat f'Stat Membru, għandu dritt ta' aċċess għad-dokumenti ta' l-istituzzjonijiet, bla ħsara għall-prinċipji, kondizzjonijiet u limiti stipulati f'dan ir-Regolament.

[...]”

7. L-Artikolu 3 jstabbilixxi xi definizzjonijiet għall-għan tar-Regolament Nru 1049/2001:

“[...]

- (a) ‘dokument’ tfisser kull kontenut, ikun liema jkun il-medju tiegħu (miktub fuq karta jew reġistrat f'forma elettronika jew bħala reġistrazzjoni, ta' ħoss, viżiv jew awdjoviż) dwar kwistjoni dwar il-politiki, l-attivitajiet u d-deċiżjonijiet li jaqgħu fl-isfera ta' responsabbiltà ta' l-istituzzjoni;

(b) ‘parti terza’ tfisser kull persuna naturali jew legali, jew kull entità barra mill-istituzzjoni involuta, inklużi l-Istati Membri, korpi Komunitarji oħrajn, istituzzjonijiet oħra mhux Komunitarji u korpi u pajjiżi terzi.”

8. L-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1049/2001 jgħid kif ġej:

“1. L-istituzzjonijiet għandhom jirrifjutaw aċċess għal dokument meta l-iżvelar tiegħu jista’ jdgħajjef il-ħarsien ta’:

(a) l-interess pubbliku fir-rigward ta’:

- is-sigurtà pubblika,
- kwistjonijiet militari u ta’ difiża,
- relazzjonijiet internazzjonali,
- il-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Komunità jew ta’ Stat Membru;

(b) il-privatezza u l-integrità ta’ l-individwu, b’mod partikolari skond il-leġislazzjoni Komunitarja dwar il-ħarsien ta’ data personali.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jirrifjutaw aċċess għal dokument meta l-iżvelar tiegħu jista’ jdgħajjef il-ħarsien ta’:

- interessi kummerċjali ta’ persuna naturali jew legali, inkluża l-proprjetà intellettuali,
- proċedimenti fil-qrati u pariri legali,
- l-iskop ta’ ispezzjonijiet, investigazzjoni u verifiki,

jekk ma jkunx hemm interess pubbliku akbar fl-iżvelar tiegħu.

[...]

7. L-eċċezzjonijiet stipulati fil-paragrafi 1 sa 3 għandhom japplikaw biss għaż-żmien li fih il-ħarsien huwa ġustifikat fuq il-bażi tal-kontenut tad-dokument. L-eċċezzjonijiet jistgħu japplikaw għal perjodu mhux itwal minn 30 sena [...]

9. Skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1049/2001, “[l]-applikant mhux obligat li jagħti r-raġunijiet għall-applikazzjoni”.

10. L-Artikolu 10(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 jipprovdi li:

“Jekk dokument diġà ġie żvelat mill-istituzzjoni rilevanti u huwa faċilment aċċessibbli lill-applikant, l-istituzzjoni tista’ taderixxi ma’ l-obbligazzjoni li tagħti l-aċċess billi tavża l-applikant kif jista’ jikseb id-dokument mitlub.”

III. Il-fatti u l-proċeduri legali

A. Il-kuntest tal-kawża u l-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali

11. Il-fatti tal-kawża u l-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, kif ingħad fid-digriet appellat⁶ u li jirriżultaw mill-proċess tal-kawża, jistgħu jiġu mqasra bil-mod segwenti:

12. Fit-8 ta' Lulju 2015, permezz tad-Deċiżjoni A(2015) 4931 (iktar 'il quddiem id-“dokument mitlub”), il-Parlament irrifjuta li jagħti lil Emilio De Capitani aċċess għad-dokumenti LIBE-2013-0091-02 u LIBE-2013-0091-03 li jinkludu r-raba' kolonna ta' żewġ tabelli magħmula fil-kuntest tat-trilogi li kienu għaddejnin f'dak iż-żmien. Fit-18 ta' Settembru 2015, E. De Capitani ppreżenta rikors għal annullament quddiem il-Qorti Ġenerali kontra din id-deċiżjoni ta' ċaħda (iktar 'il quddiem id-“kawża De Capitani”).

13. Fil-frattemp, mid-dehra fit-12 ta' Lulju 2015, E. De Capitani kien ippubblika verżjoni annotata tad-dokument mitlub fuq blog⁷. Madankollu, il-verżjoni html miftuħa tal-blogspot, partijiet mit-test riprodott jidhru li ġew editjati. Partijiet minn sentenzi jew paragrafi sħaħ ġew magħmula f'tipa grassa, oħrajn fil-korsiv, xi sentenzi huma sottolinejati u jidher li hemm xi omissjonijiet. Hemm ukoll diversi żidiet fit-test mill-awtur tal-blog, li fihom huwa esprima osservazzjonijiet jew nuqqas ta' qbil fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet magħmula mill-Parlament.

14. F'Diċembru 2016, filwaqt li l-kawża De Capitani kienet għadha pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali, Päivi Leino-Sandberg (iktar 'il quddiem id-“appellanti”), dak iż-żmien Professur tal-Liġi Internazzjonali u Ewropea fl-Università ta' Eastern Finland, għamlet talba lill-Parlament (iktar 'il quddiem id-“appellat”) għal aċċess għad-deċiżjoni Parlamentari rigward it-talba ta' E. De Capitani. Hija qalet li l-aċċess għad-dokument mitlub kien meħtieġ għall-kompletezza ta' żewġ proġetti ta' riċerka li kienet qiegħda tmexxi.

15. Fit-23 ta' Jannar 2017, l-appellat irrifjuta li jagħti aċċess lill-appellanti tad-dokument mitlub fuq il-bażi li l-iżvelar tiegħu kien jikkawża preġudizzju għall-protezzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji prevista fit-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001. L-appellanti sussegwentement ressqet talba għall-konferma.

16. Fit-3 ta' April 2017, permezz tad-Deċiżjoni A(2016) 15112 (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”), l-appellat ikkonferma ċ-ċaħda tiegħu li jagħti lill-appellanti aċċess għad-dokument mitlub. B'mod partikolari, huwa rrileva l-fatt li d-deċiżjoni ta' ċaħda fir-rigward ta' E. De Capitani kienet qiegħda tiġi kkontestata quddiem il-Qorti Ġenerali u li l-iżvelar pubbliku tagħha kien jaffettwa d-dritt għal smiġħ xieraq u l-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet. Barra minn hekk, dan ikollu f'kuntest usa' l-effett li jesponi attivitajiet ġudizzjarji għall-pressjoni esterna u inevitabilment itellef is-serenità tal-proċeduri.

17. Fis-6 ta' Lulju 2017, l-appellanti ressqet rikors għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata quddiem il-Qorti Ġenerali. L-appellat sussegwentement issottometta r-risposta tiegħu.

⁶ Digriet tal-20 ta' Settembru 2018, Leino-Sandberg vs Il-Parlament (T-421/17, mhux ippubblikat, EU:T:2018:628).

⁷ Fuq is-sit www.free-group.eu/2015/07/12/eus-laws-are-like-sausages-you-should-never-watch-them-being-made/ (riprodott fil-proċess tal-kawża tal-Qorti Ġenerali, fil-verżjoni l-aħħar aċċessata fil-21 ta' Mejju 2020).

18. Fl-14 ta' Novembru 2017, permezz ta' miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura adottata skont l-Artikolu 89 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, il-Qorti Ġenerali gābet għall-attenzjoni tal-appellanti l-fatt li E. De Capitani kien għamel pubbliku, fil-blog hawn fuq imsemmi⁸, id-dokument mitlub. Il-Qorti Ġenerali talbet lill-appellanti sabiex tindika jekk hija kinitx ġiet issodisfatta bil-fatt li setgħet tikseb aċċess għad-dokument mitlub onlajn.

19. Fit-30 ta' Novembru 2017, l-appellanti wiegħbet li ma kinitx taf li d-dokument mitlub kien disponibbli onlajn qabel il-Qorti Ġenerali ma gābet dan il-fatt għall-attenzjoni tagħha. Hija qalet li ma kinitx issodisfatta mill-fatt li d-dokument inkwistjoni kien disponibbli fuq l-internet.

20. Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali dderiġiet lill-partijiet sabiex jiffokaw fuq l-ammissibilità tar-rikors tal-appellanti fit-tieni skambju ta' noti. F'Jannar 2018, l-appellanti ppreżentat ir-risposta tagħha. Fid-9 ta' Marzu 2018, l-appellat issottometta l-kontroreplika tiegħu. Dan tal-aħħar qal b'mod partikolari li anki huwa ma kienx jaf bil-pubblikazzjoni onlajn tad-dokument mitlub qabel ma l-Qorti Ġenerali semmiet dan il-fatt. Fil-fehma tiegħu, il-fatt li l-appellanti issa saret taf b'din il-pubblikazzjoni jrendi r-rikors għall-annullament tagħha mingħajr skop. Il-Parlament għalhekk talab fil-kontroreplika tiegħu għal dikjarazzjoni li ma kienx hemm hteieġa ta' deċiżjoni.

21. Permezz ta' ittri tal-15 ta' Marzu 2018, il-Qorti Ġenerali informat lill-partijiet li t-talba tal-Parlament għal dikjarazzjoni li ma kienx hemm hteieġa ta' deċiżjoni, ma ġietx ittrattata għax ma tressqitx permezz ta' att separat, kif mitlub skont l-Artikolu 130(2) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha.

22. Fis-27 ta' Marzu 2018, permezz ta' dokument separat, il-Parlament ressaq talba għal dikjarazzjoni li ma kienx hemm hteieġa ta' deċiżjoni. Sussidjarjament, l-appellat saħaq li l-Qorti Ġenerali għandha tiċħad ir-rikors tal-appellanti bħala inammissibbli jew infondata u tordnalha tħallas l-ispejjeż.

23. Fil-5 ta' April 2018, il-Qorti Ġenerali stiednet lill-appellanti sabiex tippreżenta osservazzjonijiet fuq it-talba tal-appellat li ma kienx hemm hteieġa ta' deċiżjoni. Fir-risposta tagħha, l-appellanti indikat li la hi u lanqas l-appellat ma kienu konxji bil-fatt li E. De Capitani kien għamel id-dokument mitlub fuq blog fuq l-internet qabel ma ġew informati b'dan mill-Qorti Ġenerali. Hija sostniet li l-kelma "ippubblikat" ma hijiex tajba bħala kelma meta dokument ġie mqiegħed fuq blog minn parti privata x'imkien fis-cyberspace. Hija kompliet tgħid li deċiżjoni ta' rifjut mill-Parlament li għadha valida ma tistax tiġi protetta minn stħarriġ ġudizzjarju sempliċement għaliex xi ħadd qiegħed id-dokument mitlub fuq blog.

24. Fil-frattemp, fit-22 ta' Marzu 2018, filwaqt illi l-proċedura fl-ewwel istanza f'din il-kawża kienet għadha għaddejja, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet il-kawża De Capitani. Hija annullat id-deċiżjoni tal-Parlament rigward E. De Capitani, u qalet li l-Parlament kiser l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001 billi rrifjuta li jiżvela, fil-mori tal-proċedura, ir-raba' kolonna tad-dokumenti inkwistjoni minħabba li t-twettiq ta' dan l-iżvelar kien jippreġudika serjament il-proċess tat-teħid tad-deċiżjoni tiegħu⁹.

⁸ Nota ta' qiegħ il-paġna 7 ta' dawn il-konklużjonijiet, bil-hyperlink indikata mill-Qorti Ġenerali riprodotta hemm.

⁹ Sentenza tat-22 ta' Marzu 2018, De Capitani vs Il-Parlament, T-540/15, EU:T:2018:167.

B. Id-digriet appellat u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

25. Fid-digriet tagħha tal-20 ta' Settembru 2018 (iktar 'il quddiem id-“digriet appellat”)¹⁰, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li ma kienx għad hemm hteġa ta' deċiżjoni fuq ir-rikors mressaq mill-appellanti.

26. Il-Qorti Ġenerali qalet essenzjalment li rikors għall-annullament ta' deċiżjoni li tirrifjuta aċċess għal dokumenti ma jkollhiex iktar skop meta d-dokumenti inkwistjoni jkunu saru aċċessibbli minn terz u r-rikorrent ikun jista' jaċċedi għalihom u jużahom b'tali mod li huwa daqstant legali daqslikieku kisibhom bħala riżultat tat-talba tiegħu skont ir-Regolament Nru 1049/2001¹¹. Peress li verżjoni sħiħa tad-dokument mitlub ġiet reża aċċessibbli mid-destinatarju tad-dokument innifsu, ma kien hemm l-ebda dubju li l-appellanti setgħet tużaha b'mod kompletament legali għall-finijiet tax-xogħol universitarju tagħha¹².

27. Barra minn hekk skont il-Qorti Ġenerali, ma kienx jidher li l-allegata illegalità tar-rifjut tal-aċċess kienet ser terġa' sseħħ fil-futur lil hinn miċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ. Ir-rifjut tal-appellat li jagħti aċċess għad-dokument mitlub kien partikolari għall-każ u ta' natura *ad hoc* għax, l-ewwel nett, il-kawża E. DeCapitani kienet għadha pendent u, it-tieni nett, il-kuntest tat-talba tal-appellanti kienet ikkaratterizzata minn dibattiti jaħarqu fuq blogs u fehmiel li setgħu jinfluwenzaw il-pożizzjoni tal-appellat fil-kawża¹³. Barra minn hekk, peress li kien id-destinatarju nnifsu u mhux l-appellat li żvela d-dokument mitlub, l-appellanti ma setgħetx tallega li dan tal-aħħar uża tattika ta' dewmien billi jistenna sakemm rikors potenzjali jinġieb għall-attenzjoni tal-qrati tal-Unjoni qabel jiġi żvelat id-dokument – li tiegħu ntalab l-aċċess¹⁴.

28. Il-Qorti Ġenerali għalhekk ikkonkludiet li l-azzjoni miġjuba mill-appellanti kienet saret nieqsa mill-iskop minħabba l-iżvelar, minn E. De Capitani, tad-dokument mitlub. Għalhekk, ma kienx għad hemm bżonn li tingħata deċiżjoni fuqha, jew fuq it-tabiet għall-intervent imressqa mir-Repubblika tal-Finlandja u mir-Renju tal-Isvezja. Il-Qorti Ġenerali ordnat li kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha. Hija ordnat ukoll li r-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Isvezja jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

29. B'dan l-appell, l-appellanti titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tannulla d-digriet appellat, tagħti sentenza finali fuq il-kwistjoni u tordna l-appellat iħallas l-ispejjeż tal-proċeduri, inklużi l-ispejjeż tal-partijiet intervenjenti.

30. Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tressaq żewġ aggravji. Fl-ewwel lok, hija tissottometti li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qalet li ma kienx għad hemm skop għar-rikors. Fit-tieni lok, hija wettqet żball ta' liġi u żbalji ta' proċedura meta ddeċidiet li l-appellanti ma kienx għad għandha interess ġuridiku.

31. Fir-risposta tiegħu, il-Parlament jargumenta li ż-żewġ aggravji għandhom jiġu miċħuda bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondati jew bħala infondati.

32. L-appellanti u l-Parlament issottomettew ukoll risposta u kontroreplika rispettivament.

¹⁰ Digriet tal-20 ta' Settembru 2018, Leino-Sandberg vs Il-Parlament (T-421/17, mhux ippubblikat, EU:T:2018:628).

¹¹ Punt 27 tad-digriet appellat.

¹² Punt 28 tad-digriet appellat.

¹³ Punt 33 tad-digriet appellat.

¹⁴ Punt 35 tad-digriet appellat.

33. Ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Isvezja intervjenew insostenn tar-rikors tal-appellanti.

IV. Evalwazzjoni

34. Dawn il-konklużjonijiet huma strutturati kif ġej: Nibda billi neżamina r-relazzjoni bejn iż-żewġ aggravji mqajma mill-appellanti, u b'mod partikolari id-differenza bejn l-iskop (jew l-għan) ta' rikors għall-annullament u l-interess (residwu) ulterjuri f'tali proċedura legali fil-każ li l-għan inizzjali tal-proċedura fil-fatt jiġi fix-xejn (A). Wara ser nevalwa l-ewwel aggravju (B). Peress li jien tal-fehma, bħall-appellanti, li l-għan tat-tilwima preżenti ma ġiex fix-xejn, u għalhekk l-ewwel aggravju għandu jiġi milqugħ, ser neżamina biss fil-qosor it-tieni aggravju (C), qabel ma nasal għal konklużjoni dwar il-portata ta' dan l-appell (D).

A. Ir-relazzjoni bejn iż-żewġ aggravji tal-appellanti

35. Fl-appell tagħha, l-appellanti ressqet żewġ aggravji: fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li *ma kienx għad hemm skop* għar-rikors; fit-tieni lok, hija wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li l-appellanti *ma kienx għad kellha interess ġuridiku*.

36. Sa fejn din ir-relazzjoni bejn dawn iż-żewġ aggravji hija kkonċernata, l-appellanti tikkontendi li d-digriet appellat indebitament għaqqad flimkien l-allegat nuqqas ta' skop tar-rikors għall-annullament u l-interess ġuridiku. Dawn huma madankollu żewġ kunċetti legali li għandhom jiġu evalwati separatament. L-appellat huwa tal-fehma li l-ħtieġa ta' kontinwazzjoni tal-iskop ta' azzjoni għandha tiġi evalwata flimkien mal-interess ġuridiku kontinwu.

37. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, *l-interess ġuridiku* tar-rikorrent għandu, fid-dawl tal-iskop tar-rikors, ikun jeżisti fl-istadju li fih jiġi ppreżentat ir-rikors, u fin-nuqqas ta' dan, ir-rikors ikun inammissibbli. Dan l-iskop tat-tilwima għandu jkompli, bħall-interess ġuridiku, sakemm tingħata d-deċiżjoni finali u fin-nuqqas ta' dan ma jkunx hemm ħtieġa li tingħata deċiżjoni, li jippreżupponi li r-rikors għandu jkun tali, jekk jintlaqa', li jikseb benefiċċju għall-parti li ppreżentatu¹⁵.

38. Rikorrent jista' *jżomm l-interess ġuridiku* meta jitlob l-annullament ta' deċiżjoni sabiex dan jiġi rripristinat għall-pożizzjoni oriġinali tiegħu jew sabiex iwassal lill-awtur tal-att ikkontestat jagħmel emendi xierqa fil-futur, u għalhekk jevita r-riskju li l-allegata illegalità fir-rigward ta' dan l-att tiġi rreputata¹⁶.

39. Naqbel mal-appellat li jista' jkun hemm ċertu grad ta' sovrappożizzjoni bejn l-iskop tar-rikors għall-annullament u l-interess ġuridiku kontinwu. Huwa wkoll evidenti li t-terminoloġija użata ma hijiex dejjem konsistenti. Pereżempju, it-terminu l-“iskop” tat-tilwima huwa użat b'mod alternattiv għall-“għan”, għas-“suġġett”, jew anki għall-“iskop” tagħha. Barra minn hekk, meta jkun ċar li d-dokument mitlub ikun ġie rilaxxat mill-istituzzjoni fil-frattemp, u għalhekk it-talba

¹⁵ Ara, pereżempju, is-sentenzi tas-7 ta' Ġunju 2007, Wunenburger vs Il-Kummissjoni (C-362/05 P, EU:C:2007:322, punt 42); tas-17 ta' April 2008, Flaherty *et* vs Il-Kummissjoni (C-373/06 P, C-379/06 P u C-382/06 P, EU:C:2008:230, punt 25); tat-28 ta' Mejju 2013, Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-239/12 P, EU:C:2013:331, punt 61); tad-9 ta' Novembru 2017, HX vs Il-Kunsill (C-423/16 P, EU:C:2017:848, punt 30); tat-23 ta' Novembru 2017, Bionorica u Diapharm vs Il-Kummissjoni (C-596/15 P u C-597/15 P, EU:C:2017:886, punti 84 u 85); u tal-4 ta' Settembru 2018, ClientEarth vs Il-Kummissjoni (C-57/16 P, EU:C:2018:660, punt 43).

¹⁶ Ara, pereżempju, is-sentenzi tas-7 ta' Ġunju 2007, Wunenburger vs Il-Kummissjoni (C-362/05 P, EU:C:2007:322, punt 50); tat-28 ta' Mejju 2013, Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-239/12 P, EU:C:2013:331, punt 63); u tal-4 ta' Settembru 2018, ClientEarth vs Il-Kummissjoni (C-57/16 P, EU:C:2018:660, punt 48).

oriġinali tar-rikorrent tkun ġiet effettivament issodisfatta, il-Qorti tal-Ġustizzja mbagħad ġeneralment teżamina l-interess f'daqqa waħda, li jwassal għat-tneħħija potenzjali tal-“iskop” tar-rikors eżaminat bħala fattur wieħed fil-kuntest ġenerali tal-eżistenza ta' kwalunkwe interess ġuridiku kontinwu¹⁷.

40. Madankollu, fir-rigward tal-loġika tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja verament tiddistingwi inġenerali bejn żewġ tipi ta' interessi: fl-ewwel lok, l-interess ġuridiku *inizjali* tar-rikorrent, u fit-tieni lok, kwalunkwe interess *residwu*, *ulterjuri* min-naħa tar-rikorrent li jibqa' anki wara li ċertu avveniment ikun temm l-interes inizjali.

41. Tradott f'termini iktar speċifiċi fil-kuntest attwali tat-tilwimiet rigward l-aċċess għal dokumenti skont ir-Regolament Nru 1049/2001, l-għan ta' rikors¹⁸ imressaq għall-infurzar tad-drittijiet ta' aċċess huwa l-annullament tad-deċiżjonijiet ikkontestati. Dak huwa ċertament l-għan *formali* tar-rikors: li deċiżjoni mhux favorevoli tiġi annullata, sabiex b'hekk l-istituzzjoni inkwistjoni jkollha tiddeċiedi mill-ġdid. Azzjoni għall-annullament ta' deċiżjoni negattiva dwar aċċess għal dokument mitlub jista' wkoll jingħad li għandha għan *sostantiv* sottostanti, jew aħjar, f'dak is-sens, skop (ulterjuri): li jinkiseb id-dokument ikkonċernat mit-talba oriġinali għal aċċess.

42. Rikorrent iżomm *l-interess inizjali* (u r-rikors ma jistax jiġi nieqes mill-għan tiegħu) sakemm ma sseħħ waħda miż-żewġ alternattivi: (i) id-deċiżjoni kkontestata tiġi formalment irtirata (it-tneħħija *formali* tal-għan tat-tilwima), jew (ii) l-istituzzjoni tagħti lir-rikorrent aċċess sħiħ għad-dokument mitlub, mingħajr ma neċessarjament tirrevoka id-deċiżjoni preċedenti, b'mod li, essenzjalment, tagħti sodisfazzjon sħiħ lir-rikorrent (it-tneħħija *materjali* tal-għan tat-tilwima).

43. Issa li jmiss, jekk jitqies li tali interess inizjali verament ġie fix-xejn, ir-rikorrent xorta jista' jibqa' jkollu *interess ġuridiku residwu*, jew, kif inhu iktar frekwenti fil-prattika, interess li jara li l-proċedura tasal għal deċiżjoni ġudizzjarja finali, minkejja li jkun irċieva d-dokument matul din il-proċedura.

44. Fir-rigward ta' dan tal-aħħar, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tirrifletti żewġ xenarji b'mod partikolari. L-ewwel nett, rikorrent iżomm interess ġuridiku “sabiex jiġi rriprestinat fil-pożizzjoni oriġinali tiegħu”. Huwa fuq din il-bażi li, pereżempju, il-Qorti tal-Ġustizzja sabet li rikors għal annullament jista' jżomm interess bħala bażi għal azzjoni għad-danni li tista' ssir¹⁹. Tali interess għandu jiġi eżaminat fid-dawl taċ-ċirkustanza partikolari, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-konsegwenzi tal-allegata illegalità²⁰. It-tieni nett, rikorrent iżomm interess ġuridiku “sabiex iwassal l-awtur tal-att ikkontestat sabiex jagħmel emendi xierqa fil-futur, u għalhekk jevita r-riskju li l-illegalità allegata fir-rigward ta' dak l-att tiġi rrepetuta”²¹.

¹⁷ Ara, pereżempju, is-sentenza tal-4 ta' Settembru 2018, ClientEarth vs Il-Kummissjoni, (C-57/16 P, EU:C:2018:660, punti 43 sa 52).

¹⁸ Jiena tal-fehma li nuża t-terminu “għan” tal-azzjoni [“object” of the action] bi preferenza għal dak użat fit-traduzzjonijiet bl-Ingliż ta' wħud mis-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan is-suġġett, li jirreferu għall-“iskop” tal-azzjoni [“purpose” of the action].

¹⁹ Ara, pereżempju, sentenzi tal-5 ta' Marzu 1980, Könecke Fleischwarenfabrik vs Il-Kummissjoni (76/79, EU:C:1980:68, punt 9), u tat-28 ta' Mejju 2013, Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-239/12 P, EU:C:2013:331, punt 64).

²⁰ Ara, pereżempju, is-sentenza tat-28 ta' Mejju 2013, Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-239/12 P, EU:C:2013:331, punt 65).

²¹ Ara, pereżempju, is-sentenza tat-28 ta' Mejju 2013, Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-239/12 P, EU:C:2013:331, punt 63), fil-kuntest tal-miżuri restrittivi u r-rikorrent iżomm l-interess minkejja li ismu ġie mneħħi minn lista li timponi tali miżuri, jew is-sentenza tal-4 ta' Settembru 2018, ClientEarth vs Il-Kummissjoni (C-57/16 P, EU:C:2018:660, punt 49 sa 54).

45. Fil-qosor, interess inizjali li tinġieb azzjoni għal annullament tippersisti sakemm id-deċiżjoni kkontestata tiġi jew formalment annullata jew sakemm ir-rikorrent jingħata sodisfazzjoni materjali sħiħ. Kwalunkwe interess (ulterjuri jew residwu) ieħor jintrabat mal-kunsiderazzjonijiet l-oħra kollha li jistgħu jwasslu lill-Qorti tal-Ġustizzja li xorta tagħti sentenza fuq il-kwistjoni, anki jekk l-għan inizjali tar-rikors ikun ġie fix-xejn.

46. B'mod sinjifikattiv, fir-rigward tal-ordni tal-eżami, iż-żewġ kategoriji huma żewġ passi (krono)loġiċi suċċessivi. Huwa biss jekk, fl-ewwel pass, jiġi kkonstatat li r-rikorrent tilef l-interess ġuridiku inizjali tiegħu li jkun neċessarju li jiġi eżaminat it-tieni wieħed. Min-naħa l-oħra, sakemm ir-rikorrent la ġie formalment u lanqas materjalment issodisfatt kompletament, ma hemmx hteġa li ssir riflessjoni fuq kwalunke interess potenzjali ieħor jew ulterjuri li jikseb deċiżjoni ta' annullament minn qorti tal-Unjoni.

47. Gal dawn ir-raġunijiet, nikkunsidra li huwa utli f'din il-kawża li neżamina kull wieħed miż-żewġ aggravji, kif mressqa mill-appellanti, suċċessivament. Dawn fil-fatt jirrappreżentaw l-ordni kronoloġiku li fih il-kwistjoni tal-interess fil-litigazzjoni għandu jiġi eżaminat sewwa.

B. L-ewwel aggravju

48. L-ewwel aggravju essenzjalment jikkonsisti fil-kwistjoni ta' jekk l-appellanti kisbitx sodisfazzjon *materjali*, u għalhekk jekk l-għan oriġinali (u l-interess ġuridiku inizjali) ġie fix-xejn.

49. L-appellanti, sostnuta mill-Gvern Finlandiż u mill-Gvern Svediż, targumenta li dan ma huwiex il-każ. L-appellat ma rtirax id-deċiżjoni kkontestata. Kif isegwi mill-kawża ClientEarth²², il-pubblikazzjoni ta' dokumenti li għalih intalab aċċess ma huwiex fattur rilevanti sabiex jiddetermina jekk baqax l-iskop ta' rikors. Barra minn hekk, l-appellanti tisħaq ukoll li hija qatt ma rċeviet verżjoni awtentika tad-dokument mitlub mill-Parlament. Fir-riċerka tagħha, hija ma tistax tistrieħ fuq informazzjoni parzjali u mhux awtentika mniżżla minn xi blogs privati fuq l-internet.

50. Skont l-appellat, ir-rikors tal-appellanti sar nieqes minn skop wara s-sejba tal-pubblikazzjoni tad-dokument mitlub mid-destinatarju tiegħu. Il-blog fejn E. De Capitani ppubblika d-dokument kien wisq probabbli magħruf mill-appellanti peress li l-kontribuzzjonijiet tagħha kienu wkoll ppubblikati hemm. L-appellanti għalhekk setgħet taċċessa dak id-dokument u tużah b'mod legali għall-iskop tar-riċerka akkademika tagħha jew kwalunkwe skop ieħor.

51. Ma jirriżultax mill-proċess tal-kawża tal-Qorti Ġenerali, u lanqas ġie miġjub għall-attenzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, jekk il-Parlament kienx qatt irrevoka *formalment* id-deċiżjoni oriġinali tiegħu. Għalhekk, dak ix-xenarju ma mmaterjalizzax ruħu f'din il-kawża u għalhekk ma huwa ta l-ebda importanza hawnhekk.

52. L-appellanti kisbet sodisfazzjon *materjali*, b'mod li l-għan oriġinali (u l-interess ġuridiku inizjali) ġie fix-xejn?

53. Il-kwistjoni tal-interess inizjali kif ukoll kontinwu għat-tkomplija ta' kawża hija, kif diġa deher ċar mit-taqsuma preċedenti, kwistjoni ta' proċedura quddiem il-qrati tal-Unjoni. Għad hemm kawża, fid-dawl taċ-ċirkustanzi mibdula? Minkejja li fil-biċċa l-kbira kategorija indipendenti u trasversali, applikabbli għal kull tip ta' litigazzjoni quddiem il-qrati tal-Unjoni, il-kwistjoni ta'

²² Sentenza tal-4 ta' Settembru 2018, ClientEarth vs Il-Kummissjoni (C-57/16 P, EU:C:2018:660).

interess ġuridiku hija ugwalment marbuta mas-suġġett jew qasam tad-dritt li fih titressaq il-kawża. Kif jista' jiġi eżaminat jekk ir-rikors huwiex nieqes minn kwalunkwe skop, u għalhekk potenzjalment mhux ġenwin, jekk il-benefiċċju li r-rikorrent qiegħed ifittex li jinforza skont id-dritt tal-Unjoni ma huwiex ċar?

54. Għal din ir-raġuni, f'dak li ser isegwi, ser nibda preċiżament b'tali tfakkira: x'inhuma, fil-fatt, id-drittijiet tal-individwi (u l-obbligi korrelatati tal-istituzzjonijiet) skont ir-Regolament Nru 1049/2001, li rikorrent li jfittex l-annullament ta' deċiżjoni negattiva dwar aċċess maħruġa minn istituzzjoni jista' jingħad li qiegħed jinforza? (1) Wara, ser indur għal dak li jidher li huwa l-eżami li ntuża mill-Qorti Ġenerali f'dan il-każ meta ddeterminat jekk rikorrent kienx kiseb sodisfazzjoni materjali (2). Wara, billi nuża l-eżempju ta' din il-kawża, nuri għal xiex tali eżami huwa kunċettwalment ħażin u, f'termini prattiċi, insostenibbli (3), qabel ma nikkonkludi b'dak li tali eżami għandu jinvolvi (4).

1. Id-drittijiet tal-individwi skont ir-Regolament Nru 1049/2001

55. L-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 1049/2001 espressament jipprovdi għal *dritt* (suġġettiv) ta' aċċess għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni lil "kull ċittadin ta' l-Unjoni, u kull persuna naturali jew legali residenti jew bl-uffiċċju reġistrat f'Stat Membru". Skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament, dak id-dritt jestendi sostanzjalment għal "kull dokument miżmum minn istituzzjoni, jiġifieri, dokumenti miktuba minnha jew li rċiviet u fil-pussess tagħha, f'kull qasam ta' attività ta' l-Unjoni Ewropea".

56. Madankollu, x'jiġri mid-dokumenti li *diġà ġew magħmula disponibbli* għall-pubbliku, li jinsabu fid-dominju pubbliku? L-istorja leġiżlattiva tar-Regolament Nru 1049/2001, kif ukoll is-sistema ta' dan ir-regolament attwali, jipprovdu risposta pjuttost ċara f'dan ir-rigward.

57. L-ewwel nett, sa fejn l-istorja leġiżlattiva hija kkonċernata, l-abbozz ta' proposta tal-Kummissjoni stabbilixxa eċċezzjoni għall-aċċess ta' dokumenti billi pprovda li r-regolament ma kellux japplika għal "dokumenti diġà ppubblikati jew aċċessibbli għall-pubbliku permezz ta' mezzi oħra"²³. Madankollu, waqt il-proċess leġiżlattiv, il-Parlament mhux biss esprima l-intenzjoni li jħassar dak l-abbozz ta' dispożizzjoni, iżda wkoll li jintroduċi dispożizzjoni (abbozz tal-Artikolu 2a(1)), li jgħid espliċitament li "id-dritt ta' aċċess għal dokumenti tal-istituzzjonijiet *jinkludi* aċċess għal dokumenti *ppubblikati*"²⁴. Għalhekk jidher li kien il-Parlament li kellu l-intenzjoni li jinkludi dokumenti diġà magħmula disponibbli lill-pubbliku b'mezzi oħra, (għalhekk dokumenti li kienu ġeneralment magħmula aċċessibbli mill-istituzzjoni tal-Unjoni nnifisha jew minn terz), fost dawk id-dokumenti li l-aċċess għalihom jista' jintalab mingħand istituzzjoni tal-Unjoni skont ir-Regolament Nru 1049/2001.

58. It-tieni nett, rigward il-loġika interna tiegħu, jidher il-verżjoni attwali tar-Regolament tadotta pożizzjoni medja. Fil-każ speċifiku ta' dokumenti li diġà ġew maħruġa mill-istituzzjoni kkonċernata u huma faċilment aċċessibbli għall-persuna li titlob aċċess, l-Artikolu 10(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 jinkludi obbligu modifikat ta' istituzzjoni tal-Unjoni vis-à-vis tali

²³ L-Artikolu 2(2) tal-abbozz tar-regolament, mingħajr definizzjoni mogħtija ta' "mezzi oħra" (COM (2000) 30 – 2000/0032(COD)).

²⁴ Rapport tas-27 ta' Ottubru 2000 tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (Proċedura Msaħħa Hughes) – Kumitat dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet taċ-Ċittadini, Ġustizzja u Affarijiet Interni COM(2000) 30 – 2000/0032(COD), PE 285.961. Ara, b'mod partikolari, p. 19, 20 u 72. Enfasi tiegħi.

persuna. F'tali ċirkustanzi, l-istituzzjoni tal-Unjoni ma għandhiex l-obbligu li tipprovdi d-dokument mitlub, iżda tista' *tinforma* biss lill-persuna li titlob aċċess dwar kif din tista' tikseb id-dokument mitlub.

59. Nixtieq nenfasizza żewġ punti li joħorġu b'mod ċar mit-test tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament. L-ewwel nett, *dokument li jkun diġà ġie rrilaxxat mill-istituzzjoni kkonċernata* jista' forsi, b'naqra spirtu ta' ġenerożità, jiġi interpretat li jfisser li dan id-dokument ġie rrilaxxat mill-istituzzjoni inkwistjoni jew forsi wkoll minn kwalunkwe istituzzjoni oħra, sakemm ċertament ma jkunx hemm dubju dwar l-awtentiċità tad-dokument mitlub²⁵. It-tieni nett, fi kwalunkwe każ, dejjem hemm “l-approvazzjoni uffiċjali” tal-kopja li għaliha jsir riferiment *meta l-persuna li titlob aċċess tiġi informata dwar kif tista' tikseb* id-dokument mitlub.

60. Ir-Regolament Nru 1049/2001 ma jgħid xejn dwar dokumenti li jiġu disponibbli għall-pubbliku *minn terzi*. Huwa jiddefinixxi “terzi” fl-Artikolu 3(b) tiegħu, iżda għal raġunijiet differenti, b'mod partikolari għal aċċess għal dokumenti ta' terzi skont l-Artikolu 4(4). Ċertament ma jipprevedix it-tweġġiq tal-obbligu li jingħata aċċess minn terz, fi kwalunkwe każ, mhux minn parti privata²⁶. Dan huwa, madankollu, kompletament loġiku.

61. L-ewwel nett, fir-rigward tat-test leġiżlattiv, ir-Regolament Nru 1049/2001 ma jipprevedi l-ebda eċċezzjoni relatata mal-fatt li d-dokument mitlub ġie magħmul pubbliku minn terz. L-eċċezzjonijiet għall-aċċess huma stipulati b'mod eżawrjenti fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1049/2001.

62. It-tieni nett, fir-rigward tal-iskop tiegħu, l-Artikolu 1 u l-premessi 1, 2, 3 u 4 tar-Regolament Nru 1049/2001 jindikaw li l-għan tiegħu huwa li jiżgura trasparenza u ftuħ fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Unjoni koperti minn dan ir-regolament u li jiggarrantixxi lil kwalunkwe ċittadin tal-Unjoni l-iktar aċċess possibbilment wiesa' għal dokumenti tal-Unjoni u l-eħfef eżerċizzju possibbli ta' dan id-dritt permezz ta' djalogu dirett bejn l-istituzzjoni u l-persuna li titlob aċċess. Għalhekk, din tal-aħħar hija intitolata għal risposta mill-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata, anki fir-rigward ta' dokumenti fid-dominju pubbliku.

63. It-tielet nett, “l-approvazzjoni uffiċjali” mill-istituzzjoni tad-dokument inkwistjoni skont l-Artikolu 10(2) hija kruċjali għall-kompletezza, l-integrità, l-awtentiċità u l-użu legali tiegħu. Naturalment, ħadd ma jkun awtorizzat jippreżenta informazzjoni misjuba x'imkien ieħor fuq l-internet bħala dokument uffiċjali jew bħala li tippreżenta l-pożizzjoni tal-istituzzjoni, qabel ma jirċievi l-oriġinal tad-dokument jew risposta uffiċjali, jew fi kwalunkwe każ approvazzjoni ċara minn dik l-istituzzjoni li dak li nstab joriġina fil-fatt minn dik l-istituzzjoni u jirrifletti l-pożizzjoni uffiċjali tagħha. Kwalunkwe informazzjoni bħal din skont l-Artikolu 10(2) tkun ferm iktar importanti meta l-istituzzjoni tal-Unjoni tkun inizzjalment irrifjutat li tagħti aċċess għalih fuq il-bażi tal-eċċezzjonijiet tal-Artikolu 4 tar-Regolament.

64. Fil-qosor, isegwi b'mod ċar mir-Regolament Nru 1049/2001 li ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom dritt suġġettiv ta' aċċess. Meta affaċċjat ma' talba individwali, istituzzjoni għandha essenzjalment tliet għażliet. L-ewwel, li tagħti l-aċċess. It-tieni, li tirrifjuta l-aċċess, filwaqt li tispjega għaliex ma jstax jingħata l-aċċess. It-tielet, jekk tixtieq, u fil-fatt bħala metodu li tipprovdi risposta pożittiva skont l-ewwel għażla, tista' tipprovdi risposta skont l-Artikolu 10(2).

²⁵ Għalhekk, pereżempju, risposta mill-Kummissjoni lil persuna li titlob aċċess li tindika li d-dokument mitlub huwa fil-fatt disponibbli fuq sit (indikar b'mod ċar) tal-Kunsill tkun tissodisfa l-ispirtu tal-Artikolu 10(2), anki jekk mhux, b'mod strett, il-kliem tiegħu.

²⁶ Żvelar potenzjali (ikkoordinat) ta' dokument mitlub minn Stat Membru skont l-Artikolu 5 tar-Regolament ikun kwistjoni oħra.

L-istituzzjoni tista' tidderiġi lill-persuna li titlob aċċess għal fejn hija stess tista' ssib l-informazzjoni mitluba, li hija faċilment aċċessibbli, għalhekk tiggarrantixxi wkoll l-awtentiċità u l-affidabbilità tal-informazzjoni li għaliha sar riferiment.

65. Madankollu, it-tqegħid għad-dipożizzjoni tal-pubbliku ta' dokument minn terz la jissodisfa u lanqas iħassar id-dritt tal-persuni li jitolbu aċċess li jirċievu risposta adegwata mill-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata skont ir-Regolament Nru 1049/2001. La t-test u lanqas l-ispirtu ta' dan ir-regolament ma jissuġġerixxu li l-obbligi ċari u speċifiċi imposti fuq l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jistgħu fil-fatt jingħaddu lil terz.

2. Il-kawża Jurašinović

66. Tipikament, persuna li titlob aċċess għal dokumenti mhux issodisfatta li temmen li d-drittijiet tagħha ggarantiti skont ir-Regolament Nru 1049/2001 ġew miksura tressaq rikors għall-annullament ta' deċiżjoni negattiva meħuda mill-istituzzjoni inkwistjoni. Fil-kuntest ta' tali azzjoni, l-għan inizjali u kontinwu tal-kwistjoni jista' materjalment jiġi fix-xejn jekk, tipikament matul il-proċedura, l-istituzzjoni inkwistjoni eventwalment tipprovdi aċċess sħiħ għal dak mitlub, b'mod li tadotta materjalment deċiżjoni pożittiva u tagħti aċċess skont l-Artikolu 10(1). Ikun ugwalment konċepibbli li l-istituzzjoni tikkomunika mar-rikorrent matul tali proċedura, billi tinformah li d-dokument huwa issa aċċessibbli skont l-Artikolu 10(2) u billi tipprovdi informazzjoni dwar il-lokazzjoni tad-dokument, sabiex b'hekk tiggarrantixxi l-integrità u l-awtentiċità ta' dak id-dokument.

67. Sakemm wieħed ma jipprovax jinterpreta, bħala deċiżjoni skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament Nru 1049/2001²⁷, il-kontroreplika tal-Parlament jew it-talba sussegwenti tiegħu għal dikjarazzjoni li ma kienx hemm hteġa ta' deċiżjoni fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali (is-sustanza ta' dik id-deċiżjoni kienet, forsi b'mod kemxejn sorprendenti, imwassla lir-rikorrenti mill-Qorti Ġenerali), ma kien hemm l-ebda tali sodisfazzjon materjali ċar f'din il-kawża.

68. Madankollu, fil-punti 27 u 28 tad-digriet appellat, billi bbażat ruħha prinċipalment fuq is-sentenza fil-kawża Jurašinović vs Il-Kunsill (iktar 'il quddiem, il-“kawża Jurašinović”)²⁸, fejn il-Qorti Ġenerali sabet li: “rikors għall-annullament ta' deċiżjoni li tiċħad aċċess għal dokumenti ma jibqax ikollu skop meta d-dokumenti inkwistjoni jkunu magħmula aċċessibbli minn parti terz u r-rikorrent jista' jaċċesshom u jużhom b'tali mod li huwa legali daqs li kieku kien kisibhom bħala riżultat tar-rikors tiegħu skont ir-Regolament Nru 1049/2001 [...] Dik il-ġurisprudenza tapplika *a fortiori* f'dan il-każ peress li verżjoni sħiħa tad-dokument mitlub ġie magħmul aċċessibbli mid-destinatarju tad-dokument innifsu, bl-effett li ma hemm l-ebda dubju li r-rikorrenti tista' tużah b'mod kompletament legali għall-iskopijiet tax-xogħol universitarju tagħha.”

69. Kif diġà deskritt hawn fuq, il-kategorija proċedurali ġenerali tal-interess ġuridiku jista' jiġi kkonċepit bħala li huwa, sa ċertu grad, indipendenti mid-drittijiet sostantivi li kwalunkwe tali rikors ifittex li jenforza²⁹. Għalhekk, tali kategorija proċedurali tista' ma taqbilx eżattament mas-sustanza. Barra minn hekk, għandu jkun hemm grad raġonevoli ta' pragmatiżmu involut

²⁷ Li mbagħad jiftaħ ukoll numru ta' mistoqsijiet intriganti, inkluż sa fejn l-approvazzjoni tal-Parlament b'riferiment għall-blogspot inkwistjoni waslet, peress li l-blog tinkludi wkoll numru ta' rimarki li dikjarazzjonijiet mhux sbieħ mill-awtur tiegħu dwar l-“analiżi legali” imwettqa mill-Parlament, inseriti fil-partijiet riprodotti tad-dokument mitlub.

²⁸ Sentenza tat-3 ta' Ottubru 2012, Jurašinović vs Il-Kunsill (T-63/10, EU:T:2012:516)

²⁹ Ara, iktar 'il fuq, il-punt 53 ta' dawn il-konklużjonijiet.

fid-definizzjoni tal-kategorija tal-interess ġuridiku. Fil-fatt, il-qrati tal-Unjoni, bħal qrati oħra, ma humiex, sa fejn jirrigwarda rikorsi għall-annullamenti, aġenziji legali konsultattivi li għandhom jiġu aditi minn persuni li ma jkollhom ebda interess perċepibbli fl-eżitu tal-kawża.

70. Min-naħa l-oħra, hemm xi limiti għal tali nuqqas ta' rabta. Dawn il-limiti joriġinaw fil-kurdun umbelikali li hemm bejn is-sustanza u l-proċedura li suppost għandha tagħti effett lil din is-sustanza. Fil-kuntest tal-litigazzjoni relatata mal-aċċess għal dokumenti, il-potenzjal għal sodisfazzjon materjali tar-rikors u għalhekk għat-telfa potenzjali tal-għan tat-tilwima għandu jiġi eżaminat fid-dawl ta' dak li għalih ir-rikorrent kien intitolat.

71. F'dan id-dawl, jiena tal-fehma li l-approċċ mħaddan mill-Qorti Ġenerali b'riferiment għal deċiżjoni preċedenti fil-kawża Jurašinović, li għalhekk ser nirreferi għaliha sempliċement bħala t-“test Jurašinović”, huwa żbaljat, kemm f'termini kunċettwali kif ukoll prattiċi. Qabel ma nuri għala dan huwa l-każ fuq il-fatti ta' dan l-appell, l-ewwel ser nispijega dik id-deċiżjoni fil-kuntest proprju tagħha: kif tali approċċ ħareġ (i); għaliex din tistona ma' deċiżjonijiet oħra tal-Qorti Ġenerali, b'turija ta' nuqqas ta' koerenza fil-ġurisprudenza (ii); u fuq kollox, għaliex din ma tistax tinżamm wara d-deċiżjoni tal-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża ClientEarth (iii).

i) Mill-kawża Weber sal-kawża Jurašinović: il-ġenesi tat-test

72. Il-kawża Weber vs Il-Kummissjoni (iktar 'il quddiem il-“kawża Weber”)³⁰ tidher li hija l-ewwel kawża fejn il-Qorti Ġenerali sabet, permezz ta' digriet, li ma kienx hemm iżjed ħtieġa għal deċiżjoni meta d-dokument mitlub kien sar disponibbli (onlajn) lill-pubbliku minn terz.

73. F'dik il-kawża, ġurnalist staqsa lill-Kummissjoni sabiex tagħtih aċċess għal ittra mid-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni lill-Gvern Ġermaniż dwar għajnuna mill-Istat Ġermaniż. B'risposta għal domanda magħmula mill-Qorti Ġenerali lill-partijiet, il-Kummissjoni kkonfermat li l-ittra kienet aċċessibbli b'mod sħiħ f'vista disponibbli fuq l-internet. Fil-paragrafu 41 tad-digriet, ġie ddikjarat li: “skont il-Kummissjoni, ir-rikorrent għandu aċċess għall-ittra li hu jixtieq jikkonsulta u jista' jużaha b'mod li huwa legali daqslikieku kisibha bħala riżultat tat-talba tiegħu skont ir-Regolament Nru 1049/2001.” Madankollu, peress li r-rikors għall-annullament kien instab manifestament inammissibbli għal raġuni oħra, dik id-dikjarazzjoni saret biss *en passant* fuq ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali, filwaqt li ma ġietx verament applikata f'dik il-kawża.

74. Imbagħad, fil-kawża Jurašinović, ir-rikorrent kien ġie miċħud aċċess għal dokumenti tal-Kunsill relatati mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (iktar 'il quddiem l-“ICTY”) inkonnessjoni ma' kawża pendenti quddiemu. Bħala difiża, il-Kunsill argumenta li r-rikorrent ma kellu ebda interess ġuridiku sa fejn, fid-data li fiha l-azzjoni ngħatat bidu, xi wħud mid-dokumenti mitluba kienu ġew ippubblikati mill-ICTY fid-database tar-reġistrazzjonijiet tal-qorti, disponibbli fuq l-internet.

75. F'dak l-isfond, il-Qorti Ġenerali espliċitament straħet fuq il-kawża Weber sabiex tipprovdi li “rikors għal annullament ta' deċiżjoni li tirrifjuta l-aċċess għal dokumenti ma jifdallux suġġett meta d-dokumenti inkwistjoni jkun għew magħmula aċċessibbli minn terz, u min għamel it-talba jkun jista' jaċċedi għal dawn id-dokumenti u jagħmel użu minnhom b'mod legali daqs li kieku huwa kien kisibhom wara t-talba tiegħu introdotta skont ir-Regolament Nru 1049/2001”³¹.

³⁰ Digriet tal-11 ta' Diċembru 2006, Weber vs Il-Kummissjoni (T-290/05, mhux ippubblikat, EU:T:2006:381).

³¹ Sentenza tat-3 ta' Ottubru 2012, Jurašinović vs Il-Kunsill (T-63/10, EU:T:2012:516, punt 24).

Madankollu, peress li l-Qorti Ġenerali nnotat li d-dokumenti inkwistjoni *ma kinux* disponibbli fuq is-sit tal-Internet tal-ICTY “fid-data meta r-rikors ġie ppreżentat”, hija fl-aħħar ċaħdet it-talba ta’ inammissibbiltà tal-Kunsill għax il-proċess ma weriex li d-dokumenti inkwistjoni kienu aċċessibbli għal pubbliku f’dik id-data³².

76. Għalhekk, minn sħarriġ tal-kawżi ċċitati mill-Qorti Ġenerali bħala preċedent għall-proposta legali prinċipali tagħha fid-digriet appellat³³, jidher li t-test stabbilit f’din il-kawża fil-fatt qatt ma ġie applikat qabel. Dan, fih innifsu, huwa fil-fatt mhux deċiżiv. Il-ħajja organika tal-ġurisprudenza tal-Unjoni tfisser li *passim dictum* f’kawża waħda f’daqqa waħda jsir ir-*ratio* f’oħra. Il-fatt li t-test qatt ma kien effettivament applikat huwa msemmi biss sabiex jiġi enfazzat li l-impatt u l-konsegwenzi tiegħu jibqgħu kemxejn mhux esplorati.

ii) Il-varjazzjonijiet fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali

77. Barra minn hekk, hemm ukoll linji sinjifikattivi oħra fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali rigward l-istess kwistjoni: jekk u sa fejn l-għan (l-iskop) ta’ rikors għall-annullament rigward l-aċċess għal dokumenti jiġi fix-xejn wara l-iżvelar tad-dokument mitlub minn terz.

78. *Qabel* id-deċiżjonijiet fil-kawżi Weber u Jurašinović, fl-1995, fi żmien meta l-aċċess għal dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni kien irregolat b’revoli speċifiċi għal kull istituzzjoni, il-kawża Svenska Journalistförbundet ma kellhiex suċċess fit-talba tagħha lill-Kunsill għal aċċess għal ċerti dokumenti rigward l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol). Fi kwalunkwe każ, l-istess rikorrenti kienet diġà rċeviet id-dokumenti inkwistjoni mill-awtoritajiet Svediżi. Kontra dak l-isfond, il-Qorti Ġenerali madankollu sabet li “persuna li tiġi miċħuda aċċess għal dokumenti jew parti minn dokument tkun, *minħabba proprju dak il-fatt*, stabbilixxiet interess fl-annullament tad-deċiżjoni [...] Il-fatt li d-dokumenti mitluba kienu diġà fid-dominju pubbliku huwa irrilevanti f’dan ir-rigward”³⁴. Il-Qorti Ġenerali mbagħad ipproċediet bl-eżami tal-kawża fil-mertu, u eventwalment ħassret id-deċiżjoni tal-Kunsill li tiċħad lir-rikorrenti l-aċċess għad-dokumenti mitluba.

79. Forsi iktar importanti, *wara* d-deċiżjonijiet fil-kawżi Weber u Jurašinović, fil-kawżi Access Info Europe vs Il-Kunsill³⁵, ir-rikorrenti kkontestat iċ-ċaħda tal-Kunsill li jagħti aċċess lir-rikorrenti għal ċertu informazzjoni, li kienet tinsab f’nota, rigward il-proposta għal regolament ġdid dwar l-aċċess għal dokumenti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, fuq il-bażi li kienet tippreġudika l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Fid-difiża tiegħu, il-Kunsill qal li verżjoni sħiħa tad-dokument mitlub kienet diġà disponibbli, qabel id-data li fiha ġie ppreżentat ir-rikors, fuq is-sit elettroniku tal-organizzazzjoni Statewatch. Skont il-Kunsill, dik il-pubblikazzjoni ma kinitx awtorizzata. Il-Kunsill ma kienx jaf dwarha meta ddeċieda fuq it-talba għal aċċess. Fir-risposta tagħha r-rikorrenti irrikonoxxiet li issa kellha kopja tal-verżjoni sħiħa tad-dokument, filwaqt li rrikonoxxiet li ma kinitx taf b’dik il-kopja meta għamlet it-talba tagħha għal aċċess.

80. Il-Qorti Ġenerali sabet li l-iżvelar tal-verżjoni tad-dokument mitlub fuq l-internet, bħas-sussegwenti għarfien tal-kontenut ta’ dik il-verżjoni mir-rikorrenti, ma sostniex il-konklużjoni li din l-aħħar ma kienx għad kellha interess li taġixxi sabiex tannulla d-deċiżjoni

³² *Ibid.*, punt 26.

³³ Fl-aħħar deċiżjoni ċċitata fil-punt 27 tad-digriet appellat, is-sentenza tal-15 ta’ Ottubru 2013, European Dynamics Belgium *et vs* EMA (T-638/11, mhux ippubblikata, EU:T:2013:530), l-invokazzjoni *passim* tal-kawża Jurašinović ma kienx rilevanti.

³⁴ Sentenza tas-17 ta’ Ġunju 1998, Journalistförbundet vs Il-Kunsill (T-174/95, EU:T:1998:127, punti 67 u 69). Enfasi tiegħi.

³⁵ Sentenza tat-22 ta’ Marzu 2011, Access Info Europe vs Il-Kunsill (T-233/09, EU:T:2011:105), ikkonfermata fl-appell mis-sentenza tas-17 ta’ Ottubru 2013, Il-Kunsill vs Access Info Europe (C-280/11 P, EU:C:2013:671).

kkontestata³⁶. L-aġir ta' Statewatch ġie kkunsidrat bħala irrilevanti għall-iskop tal-evalwazzjoni tal-interess tar-rikorrenti li tannulla tali deċiżjoni. Bħala riżultat, minkejja li r-rikorrenti setgħet tikseb l-kontenut tal-informazzjoni li għaliha ġie miċħud l-aċċess mill-Kunsill, hija kellha xorta waħda interess sabiex tannulla d-deċiżjoni taċ-ċaħda³⁷.

81. B'kuntrast mal-Qorti Ġenerali³⁸, insib diffikultà sabiex niddistingwi l-approċċ imħaddan mill-Qorti Ġenerali f'dawk il-kawżi minn dak ta' din il-kawża. Is-soluzzjoni mħaddna mill-Qorti Ġenerali f'dawk il-kawżi tibqa' differenti b'mod ċar fil-loġika u l-approċċ tagħha: żvelar minn terz tad-dokument mitlub (kemm jekk dan ikun "legali" bħal fil-kawża Svenska Journalistförbundet, jew fil-fatt "mhux awtorizzat" bħal fil-kawża Access Info Europe) tqis li ma kellu l-ebda impatt fuq is-sodisfazzjon materjali u għalhekk fuq l-interess ta' rikorrent li jippreżenta rikors għall-annullament ta' deċiżjoni ta' ċaħda.

iii) Il-kawża ClientEarth

82. Fl-aħħar u forsi l-iktar importanti, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità reċentement li tittratta l-kwistjoni tal-impatt tas-sodisfazzjon materjali f'rikors għall-annullament rigward aċċess għal dokumenti fuq l-interess tar-rikorrenti fil-kawża ClientEarth³⁹.

83. ClientEarth hija organizzazzjoni għall-protezzjoni ambjentali mingħajr skop ta' qligħ. Hija talbet lill-Kummissjoni tagħtiha aċċess għal ċerti rapporti tal-evalwazzjoni tal-impatt. Il-Kummissjoni inizjalment irrifjutat għal raġunijiet tal-protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Madankollu, hija mbaġħad irrilaxxat gradwalment id-dokumenti kollha mitluba minn ClientEarth matul il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja⁴⁰.

84. B'risposta għar-rikors tal-Kummissjoni li għalhekk ma kienx hemm hteġa għal deċiżjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja wieġbet li "minkejja l-pubblikazzjoni jew il-komunikazzjoni li [r-rikorrenti] [...] tad-dokumenti [mitluba]" matul il-proċedura, "id-deċiżjonijiet kontenżjużi ma ġewx irtirati mill-Kummissjoni, b'tali mod li t-tilwima żammet is-suġġett tagħha"⁴¹.

85. Naqbel mal-appellanti li l-kawża ClientEarth hija, f'dan ir-rigward, rilevanti għal din il-kawża. Minkejja meqjusa fuq il-fatti tagħha, il-kawża ClientEarth hija prinċipalment indikattiva fir-rigward tal-kwistjoni ta' kwalunkwe interess ġuridiku ulterjuri jew residwu f'każijiet fejn ir-rikorrent irċieva sodisfazzjon sħiħ, u għalhekk hija prinċipalment rilevanti għall-eżami tat-tieni aggravju tar-rikorrenti, filwaqt li l-impatt tagħha fuq l-ewwel aggravju ma jistax jiġi injorat lanqas.

³⁶ *Ibid.*, punt 34.

³⁷ *Ibid.*, punt 36 u 37.

³⁸ Punti 29 u 30 tad-digriet appellat. L-unika tentattiv sabiex il-kawża Svenska Journalistförbundet tiġi distinta (filwaqt li ma jingħad xejn fir-rigward ta' dan l-aspett tal-kawża Access Info Europe) huwa li jiġi suġġerit li, b'kuntrast għall-kawża Svenska Journalistförbundet, ma hemm l-ebda dubju rigward il-legalità tal-iżvelar inkwistjoni f'din il-kawża. Madankollu, dik il-premessa ma hijiex biss kontestabbli, iżda hija wkoll irrilevanti, kif ser jingħad fit-taqsimha li jmiss ta' dawn il-konklużjonijiet.

³⁹ Sentenza tal-4 ta' Settembru 2018, ClientEarth vs Il-Kummissjoni (C-57/16 P, EU:C:2018:660).

⁴⁰ *Ibid.*, punt 38.

⁴¹ Punt 45, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja straħet fuq sentenza tas-7 ta' Ġunju 2007, Wunenburger vs Il-Kummissjoni (C-362/05 P, EU:C:2007:322, punti 48 u 49).

86. Fil-kawża ClientEarth, jekk titqies mid-dawl ta' kjarifika sussegwenti fil-kawża Rogesa⁴², il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li sabiex l-għan oġġett tar-rikors jiġi fix-xejn, għandu jkun hemm jew sodisfazzjon *formali* tar-rikorrent (id-deċiżjoni kkontestata għandha tkun ġiet irtirata mill-istituzzjoni) jew sodisfazzjon *materjali* sħiħ u komplet pprovdut mill-istituzzjoni nnifisha. Nixtieq nenfasizza li f'dawn iż-żewġ kawżi, sodisfazzjon materjali sħiħ fisser (għall-Qorti tal-Ġustizzja) biss sitwazzjoni li fiha r-rikorrent (i) irċieva d-dokumenti mitluba fl-intier tagħhom u (ii) mill-istituzzjoni inkwistjoni.

87. B'kuntrast, dak l-approċċ ma jistax japplika għal (i) rikorrent li kien jaf bl-eżistenza ta' verżjoni editjata ta' dak li huwa preżunt bħala d-dokument mitlub, (ii) mhux mill-istituzzjoni li minnha ntalab id-dokument, iżda minn qorti, (iii) billi dik il-verżjoni kienet ġiet ippubblikata onlajn minn terz privat mingħajr l-għarfien tar-rikorrent jew tal-istituzzjoni.

88. L-aċċettazzjoni ta' tali telf ta' interess ikun kompletament kontra l-loġika u l-ispirtu tar-Regolament Nru 1049/2001. Barra minn hekk, anki f'dan l-istadju ta' infurzar ġudizzjarju potenzjali ta' kwalunkwe drittijiet bħal dawn quddiem il-qrati tal-Unjoni⁴³, il-loġika *prima facie* seduttiva li l-kawża tinġieb għal konklużjoni mgħaġġla tkun, sa fejn tista' tiegħu rwol⁴⁴, servuta ħażin. Lil hinn mill-inkompatibbiltà ċara fir-rigward tal-ispirtu tar-Regolament, it-test Jurašinović iqajjem iktar problemi prattiċi milli qatt jista' potenzjalment jipprovi f'soluzzjonijiet (faċli), kwistjoni li għaliha ser indur issa.

3. Il-problemi tal-kawża Jurašinović (kif muri minn din il-kawża)

89. Fil-kawża Jurašinović, il-Qorti Ġenerali stabbilixxiet tliet kriterji jew kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex jiġi konkluż li rikors għall-annullament kontra ċ-ċaħda ta' istituzzjoni tal-Unjoni spiċċa nieqes minn skop. Dawn jidhru li huma kumulattivi: (i) id-dokument għandu jkun ġie magħmul aċċessibbli minn terz sabiex id-dokument kien diġà fid-dominju pubbliku fiż-żmien meta ġie introdott ir-rikors għall-annullament jew, tal-inqas, fiż-żmien tal-għoti tad-deċiżjoni; (ii) ir-rikorrent jista' jaċċedi għalih; (iii) l-użu ta' dan id-dokument huwa legali.

90. Il-problemi prattiċi ta' dan it-test huma mill-inqas tlieta: għarfien, awtentiċità u użu legali.

91. L-ewwel nett, hemm il-kwistjoni tal-*għarfien* u d-disponibbiltà tad-dokument. L-appellanti argumentat li d-dritt għall-informazzjoni tagħha skont ir-Regolament Nru 1049/2001 ma jistax isir dipendenti fuq il-kapaċità tagħha li tuża Google jew fuq l-għarfien tagħha tal-fatt li parti privata kienet qiegħdet id-dokument mitlub fis-cyberspace. Li ċ-ċittadini jiġu mġiegħla jfittxu fis-cyberspace jmur kontra l-iskop tar-Regolament Nru 1049/2001 li jiżgura l-iktar eżerċizzju faċli possibbli tad-dritt għall-aċċess għal dokumenti. Min-naħa tiegħu, l-appellat qal li huwa possibbli li l-appellanti kienet taf dwar dik il-pubblikazzjoni għaliex uħud mill-kontribuzzjonijiet tagħha kienu ppubblikati fuq dak il-blog.

⁴² Fid-digriet tas-17 ta' Diċembru 2019, fil-kawża Rogesa vs Il-Kummissjoni (C-568/18 P, mhux ippubblikata, EU:C:2019:1092), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma kienx hemm hteġa ta' deċiżjoni f'każ fejn il-Kummissjoni eventwalment iddeċidiet li tiżvela d-dokumenti mitluba, għalkemm mingħajr ma tirtira d-deċiżjoni negattiva inizjali tagħha. Madankollu, kif ġie magħmul ċar mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 26, ir-rikorrenti *ma kkontestax* il-fatt li l-iżvelar issodisfa *kompletament* l-għanijiet segwiti minn din ir-rikorrenti fit-talba tagħha għal aċċess, billi rċeviet dak kollu li talbet *mill-Kummissjoni*.

⁴³ Dan sakemm jibqa' hemm xi ħaġa x'tiġi infurzata, għax illum, fi żmien qasir jew iktar tard, xi ħaġa dejjem tidher xi mkien fuq l-internet.

⁴⁴ *Quid non*. Madankollu, dejjem hemm it-tentazzjoni.

92. Fuq dan il-punt naqbel kompletament mar-rikorrenti. Ir-Regolament Nru 1049/2001 stabbilixxa rotta istituzzjonali sabiex jiġu miksuba ċerti dokumenti. Kull persuna li issa tixtieq titlob aċċess għal dokument għandha l-ewwel tagħmel riċerka fuq l-internet għal dan id-dokument? Barra minn hekk, jekk hija sussegwentement ressqet azzjoni għall-annullament ta' deċiżjoni negattiva, għandha tali persuna tibqa' perjodikament tfittex, filwaqt li l-azzjoni tkun għadha pendenti, sabiex taċċerta ruħha li d-dokument mitlub ma jitlax xi mkien fuq l-internet fis-snin li ġejjin?

93. Il-kawża preżenti tenfasizza element ieħor stramb tal-ewwel kundizzjoni fil-kawża Jurašinović: l-interess ma jintilifx biss jekk, diġà fil-mument tal-preżentata tar-rikors, ir-rikorrent kien apparentement ġie materjalment issodisfatt, iżda wkoll fi kwalunkwe żmien wara dan, “tal-inqas fiż-żmien tal-għoti tad-deċiżjoni”. Dan jikkontradixxi mhux biss id-dikjarazzjonijiet preċedenti tal-Qorti Ġenerali nnifisha⁴⁵, iżda wkoll id-deċiżjoni sussegwenti fil-kawża ClientEarth, li sostniet, għal raġuni tajba ħafna, li dak li jiġri *wara l-introduzzjoni* tal-azzjoni għall-annullament ta' deċiżjoni ta' każda jista' jkun rilevanti biss sa grad limitat.

94. Barra minn hekk, din il-kawża għorr dik il-loġika lil hinn mill-assurd: tali telf ta' interess jista' jkun attiv, mhux biss għax dokumenti saru disponibbli xi mkien fuq l-internet minn terz, iżda wkoll fir-rigward ta' dawk id-dokumenti nnifishom li la r-rikorrenti, u lanqas l-istituzzjoni konvenuta ma kellhomx għarfien dwarhom? *Huma ma kinux jafu* b'din il-pubblikazzjoni, kif it-tnejn qalu quddiem il-Qorti Ġenerali, mill-mument meta l-Parlament adotta d-deċiżjoni konfermatorja tiegħu sal-mument meta dan il-fatt ġie miġjub għall-attenzjoni tagħhom mill-Qorti Ġenerali nnifisha. Għalhekk fil-fatt, b'risposta għall-kwistjoni introdutturju mqajma f'dawn il-konklużjonijiet, mislufa minn “Dune”, effettivament “żvelar (ta' dokument mitlub) mingħajr (qatt) ma jingħata (aċċess għalih)”, jew anki “żvelar mingħajr għarfien”, isir imbagħad essenzjalment possibbli fil-fehma tal-Qorti Ġenerali.

95. It-tieni nett, rigward il-kwistjoni tal-*awtentiċità* u l-integrità tad-dokument mitlub: l-appellanti u l-Gvern Svediż jisħqu li l-appellanti għandha tikseb informazzjoni minn sorsi awtentiċi, speċjalment fid-dawl tal-attività professjonali tagħha, jiġifieri riċerka akkademika. L-appellanti enfasizzat li hija riċerkatriċi akkademika ffinanzjata mill-Akkademja tal-Finlandja. Marbuta bi standards ta' kwalità, oġġettività u etika ta' riċerka, hija ma tistax tistrieħ fuq it-tiftix fuq l-internet għal informazzjoni mikxufa jew redatta, iżda hija marbuta tuża biss informazzjoni minn sorsi awtentiċi. Hija nnotat f'dan il-kuntest li E. De Capitani indika fil-blogpost tiegħu li dak li pubblika huwa: “verżjoni enfasizzata/ikkummentata minni”.

96. Min-naħa tagħha, il-Qorti Ġenerali nnotat li l-partijiet qablu li E. De Capitani “għamel verżjoni sħiħa ta' dak id-dokumenti disponibbli għall-pubbliku fuq l-internet” u li “l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet fit-tul il-kontenut tad-dokument mitlub”⁴⁶ fis-sentenza tal-kawża E. De Capitani⁴⁷.

97. Ma iniex ser nikkummenta fuq id-dikjarazzjoni fattwali magħmula mill-Qorti Ġenerali f'dak il-kuntest. L-appellanti ma ressqitx aggravju fuq żnaturament ta' provi. Għalhekk mhux komputu tiegħi li neżamina x'inhil fil-fatt “verżjoni sħiħa” tad-dokument mitlub, li, tal-inqas fiż-żmien meta dan l-Avukat Ġenerali ħares lejha, kien silta html miftuħa fuq blogspot, redatta u b'kummenti magħmula mill-awtur⁴⁸.

⁴⁵ Ara iktar 'il fuq, il-punti 77 sa 81 ta' dawn il-konklużjonijiet.

⁴⁶ Punt 26 tad-digriet appellat.

⁴⁷ Sentenza tat-22 ta' Marzu 2018, De Capitani vs Il-Parlament (T-540/15, EU:T:2018:167).

⁴⁸ Kif spjegat iktar 'il fuq fil-punt 13 ta' dawn il-konklużjonijiet.

98. Mid-dikjarazzjonijiet tal-appellanti quddiem din il-qorti u quddiem il-Qorti Ġenerali jidher li hija ma kinitx “is-sodisfatta” mid-dokument “żvelat”, peress li l-verżjoni ppubblikata onlajn minn E. de Capitani ma kinitx awtentika u ma setgħetx tiddependi fuqha għall-iskopijiet tagħha.

99. Għall-darba oħra, ma nistax ma naqbilx ma’ din l-aħħar sottomissjoni. F’moħħi, l-iskop li għalih persuna tixtieq tikseb dokument ma huwiex rilevanti skont ir-Regolament Nru 1049/2001⁴⁹. Kwalunkwe indiviudu, indipendentement minn jekk huwiex ġurnalist, riċerkatur akkademiku, jew sempliċement ċittadin kurjuż, għandu dritt ċar skont ir-Regolament li jikseb risposta mill-istituzzjoni. Kif diġa spjegat iktar ’il fuq⁵⁰, insistenza għal risposta mill-istituzzjoni f’każ ta’ deċiżjoni pożittiva skont l-Artikolu 10(1) jew l-Artikolu 10((2), fiha nnifisha tiżgura l-awtentiċità u l-affidabbiltà tal-informazzjoni mogħtija. Dak id-dritt jappartjeni lil kwalunkwe persuna li titlob aċċess għal dokumenti skont ir-regolament, irrispettivament mill-iskop tiegħu jew tagħha li tfittex l-informazzjoni.

100. Għal darba oħra, il-konsegwenzi prattiċi li għalihom twassal id-dikjarazzjoni tal-Qorti Ġenerali fil-punt 26 tad-digriet appellat huma, essenzjalment, “għamel il-verżjoni tiegħek ta’ deċiżjoni uffiċjali bbażata fuq informazzjoni meħuda minn blogspot redatta privatament u d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali nnifisha f’kawża oħra”, it-tnejn li huma kienu maħruġa jew “skoperti” żmien twil wara li d-deċiżjoni oriġinali li għadha taħt reviżjoni ttieħdet.

101. It-tielet nett, il-kwistjoni tal-*użu legali* huwa konness maż-żewġ punti preċedenti, li jiffirma t-tielet kundizzjoni fil-kawża Jurašinović. Il-punt 28 tad-digriet appellat jipprovdi li “verżjoni sħiħa tad-dokument mitlub sar aċċessibbli mid-destinatarju tad-dokument innifsu, bl-effett li ma hemm l-ebda dubju li r-rikorrenti tista’ tużah b’mod kompletament legali għall-iskopijiet tax-xogħol unversitarju tagħha”.

102. Jiena ninsab kemxejn konfuż b’din il-proposta. Kif tista’ persuna, li qiegħda tfittex aċċess għal dokument, li ġiet informata mill-istituzzjoni li d-dokument ma jistax jiġi żvelat, imbagħad tkun ċerta, wara li jgħidulha li hemm verżjoni ta’ dak id-dokument xi mkien fuq blogspot privata, li l-użu ta’ tali dokument misjub onlajn huwa “legali daqs li kieku ġie miksub fuq il-bażi tar-Regolament Nru 1049/2001”? Lir-rikorrenti qalulha li hija ma tistax tikseb dak l-istess dokument. Ma għandhiex ir-rikorrenti tippreżumi b’mod loġiku, minħabba tali każda espliċita, li d-dokument inkwistjoni spiċċa fuq l-internet mingħajr awtorizzazzjoni? Ma għandhiex din tkun id-deduzzjoni neċessarja meta, anki wara li sar jaf bl-iżvelar onlajn minn terz, il-Parlament baqa’ ma rtirax id-deċiżjoni negattiva oriġinali tiegħu u żamma sal-lum stess?

103. Dwar il-fatti ta’ din il-kawża, l-assunzjoni raġonevoli dwar l-“użu legali” li għandu jsir mill-appellanti tkun eżattament l-oppożt għal dak li l-Qorti Ġenerali pprovdiet. Barra minn hekk, f’termini ġenerali, ċertament ma għandux jiġi mistenni minn persuna li segwiet ir-rotta istituzzjonali korretta sabiex tikseb aċċess għal ċertu dokument skont ir-Regolament Nru 1049/2001 li twettaq evalwazzjoni legali ddettaljata – jew iġġib il-każ tagħha quddiem il-qorti tal-Unjoni sabiex dawn tal-aħħar iwettqu din l-evalwazzjoni – sabiex tiddetermina jekk hija tistax legalment tuża verżjoni tad-dokument mitlub misjuba onlajn. Għal darba oħra, skont is-sistema stabbilita mir-Regolament 1049/2001, dik il-persuna hija intitolata li tikseb risposta mingħajr ambigwiżità u diretta mill-istituzzjoni tal-Unjoni, li fl-istess ħin tiggarrantixxi wkoll l-integrità, l-awtentiċità u l-legalità tal-użu tad-dokumenti li ġew magħmula disponibbli għall-pubbliku minn terz.

⁴⁹ Ara l-Artikolu 6(1) l-aħħar sentenza tar-Regolament (ikkwotata iktar ’il fuq fil-punt 9 ta’ dawn il-konklużjonijiet).

⁵⁰ Ara iktar ’il fuq, il-punti 58 sa 64 ta’ dawn il-konklużjonijiet.

104. Iċ-ċarezza rigward l-użu legali hija ferm iktar importanti f'dinja fejn, fi żmien qasir jew iktar tard, kull tip ta' informazzjoni tiċċirkula fuq l-internet⁵¹. L-eżami tal-legalità tal-użu ta' partijiet minn din l-informazzjoni jista' jkun kumpless, ibda bil-kwistjoni tal-awtur tax-xogħol u l-awtentività tad-dokument. Dan huwa għal xiex is-sistema stabbilita mir-Regolament Nru 1049/2001 hija kruċjali sabiex jiġi stabbilit b'mod awtoritattiv l-użu legali mill-istituzzjoni nnifisha, sabiex tali kwistjonijiet ma jgħumu f'kawżi jew litigazzjoni suċċessivi⁵².

4. Lura għall-għerug: il-kundizzjonijiet għas-sodisfazzjon materjali ta' rikorrent f'kawża għall-aċċess għal dokumenti

105. Dawn il-konklużjonijiet hađu l-ħin u l-ispazju sabiex niddiskutu, fid-dettall sew, it-test Jurašinović avvanzat mill-Qorti Ġenerali fid-digriet appellat. L-għan kien li jiġi spjegat għal xiex, fil-fehma tiegħi, dak l-approċċ kien żbaljat kunċettwalment u, fuq livell prattiku, assurdu.

106. Kif intwera wkoll fit-taqsimha preċedenti, l-enerġija li tintuża mill-qrati tal-Unjoni, aditi fil-futur b'rikorsi għall-annullament ta' deċiżjonijiet negattivi maħruġa skont ir-Regolament Nru 1049/2001, ikollhom ftit x'jaqsmu mas-sustanza tal-kawża fil-mertu. Tiddeġenera f'diskussjonijiet (fattwali) bla tmiem dwar min ippubblika xiex eżattament, fejn ġiet ippubblikata u meta, min kien jaf dwarha, u jekk dokument ippubblikat minn terz xi mkien għandhux jew le l-istess numru ta' paragrafi bħall-oriġinal, u kwistjonijiet oħra simili.

107. Barra minn hekk, tali diskussjonijiet fattwali mbaġħad jintużaw sabiex effettivament iċaħħdu individwu mill-aċċess għall-qrati tal-Unjoni. Wieħed għandu jżomm f'moħħu li digriet li jgħid li ma hemmx hteieġa għal deċiżjoni hija miżura kemxejn b'saħħitha li fiha, kontra r-rieda ta' rikorrent, il-qrati tal-Unjoni jaslu għall-konklużjoni li l-azzjoni ta' rikorrent hija essenzjalment falza u nieqsa minn kwalunkwe kontenut reali. Dan għandu għalhekk jiġi applikat b'kawtela, jekk mhux b'mod delikat, partikolarment f'sitwazzjonijiet fejn l-għan formali ta' tilwima huwa diġà mibdul mill-qrati tal-Unjoni b'wieħed materjali, bħal fil-każijiet dwar l-aċċess għal dokumenti⁵³. Jekk, fl-istadju li jmiss, il-kontenut tas-sodisfazzjon materjali jibda jiġi ddefinit mill-ġdid lil hinn mir-rikonoxximent fir-rigward ta' dak li kien ġie mitlub mill-qorti oriġinarjament⁵⁴, il-periklu ta' ċaħħda ta' kwalunkwe aċċess reali għal qorti jsir perikolożament viċin.

⁵¹ Ara, iktar reċenti, is-sentenza tat-18 ta' Lulju 2017, Il-Kummissjoni vs Breyer (C-213/15 P, EU:C:2017:563, punt 62) jew id-digriet tal-14 ta' Mejju 2019, L-Ungerija vs Il-Parlament (C-650/18, mhux ippubblikat, EU:C:2019:438, punt 14). Ara wkoll id-digriet tad-29 ta' Jannar 2009, Donnici vs Il-Parlament (C-9/08, mhux ippubblikat, EU:C:2009:40, punt 18).

⁵² Fid-digriet tal-14 ta' Mejju 2019, L-Ungerija vs Il-Parlament (C-650/18, mhux ippubblikata, EU:C:2019:438), l-Ungerija inkludiet bħala anness mar-rikors tagħha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja opinjoni legali li kienet maħruġa mid-Dipartiment Legali tal-Parlament Ewropew. Madankollu, mingħajr ma l-iżvelar tagħha qatt ġie mitlub mill-Ungerija jew kwalunkwe parti oħra, dik l-opinjoni legali saret disponibbli fuq is-sit tal-Internet Politico. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-awtorizzazzjoni tal-Istat Membru sabiex ipoġġi fil-proċess opinjoni legali tal-Parlament, li l-iżvelar tagħha ma kienx awtorizzat minn dan tal-aħħar, tkun tammonta għall-evazzjoni tal-proċedura tat-talba għall-aċċess għal tali dokument prevista mir-Regolament Nru 1049/2001.

⁵³ Speċjalment, jekk applikat f'kuntest fejn ma hemm l-ebda regoli ċari rigward l-imġiba korretta tal-istituzzjoni f'tali ċirkustanzi. Tista' istituzzjoni tissodisfa materjalment persuna li titlob aċċess mingħajr qatt ma terġa' formalment tirrevedi d-deċiżjoni preċedenti tagħha? Jistgħu l-azzjonijiet tagħha għalhekk fil-fatt jikkontradixxu id-deċiżjoni valida tagħha stess? Jekk hemm bżonn li tiġi riveduta, dan isir *ex officio* jew biss wara talba ġdida magħmula mill-persuna li titlob aċċess, tipikament meta l-impediment għall-iżvelar preċedenti jkun tneħħa? Flessibilità miżjuda għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni li tirriżulta mill-fatt li ma hemmx Kodiċi għall-Proċedura Amministrattiva Ewropea, fejn tali kwistjonijiet għandhom normalment jiġu rregolati, ma tistax tintuża u miżmuma b'mod effettiv kontra l-individwi li talbu aċċess għal dokumenti meta dawn jfittxu l-aċċess tagħhom għall-istħarriġ ġudizzjarju. Il-każ għandu jkun eżattament l-oppost: il-fatt li ma hemmx regoli għandu, jekk xejn, jiġi interpretat kontra l-istituzzjoni(jiet), ċertament sa fejn l-aċċess individwali għall-qrati tal-Unjoni huwa kkonċernat.

⁵⁴ Mingħajr ix-xewqa li nkun wisq formalistiku, l-għan oriġinali tar-rikors huwa u jibqa' l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata tal-Parlament Ewropew. Immaġina, bħala analoġija, sitwazzjoni li fiha nixtri biljetti għal kunċert li qatt ma jiġu kkonsejnti mill-organizzaturi (għal xi raġuni jew oħra). Meta nħarrek l-organizzaturi fil-qorti ċivili sabiex jibagħtuli dawn il-biljetti, jew sabiex jirrifondu l-flus, il-qorti tistaqsin jekk inkunx issodisfatt li nara (partijiet) mill-kunċert irrekordjat fuq ċellulari mhux stabbli minn xi ħadd fil-folla li mbaġħad ġie ppubblikat onlajn. Peress li dak il-vidjo ġie apparentement imtella b'konformità mar-regoli tad-drittijiet tal-awtur, il-qorti ċivili tiddikjara li ma hemm l-ebda hteieġa li tiddeċiedi l-azzjoni tiegħi, għax nista' nara dak il-vidjo onlajn.

108. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-ewwel aggravju u tirritorna għas-sempliċità razzjonali tat-test attwali tas-sodisfazzjon materjali kif ikkonfermat reċentement minn din il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi ClientEarth u Rogesa, li jistgħu jiġu miġbura fil-qosor bil-mod kif ġej.

109. Rikorrent li jfittex l-annullament ta' deċiżjoni maħruġa minn istituzzjoni skont ir-Regolament Nru 1049/2001 jista' jitlef l-*interest ġuridiku inizjali* tiegħu jekk u biss jekk dan ikun formalment jew materjalment kompletament issodisfatt. Sodisfazzjon *formali* jfisser li l-istituzzjoni tirtira id-deċiżjoni kkontestata. Sodisfazzjon *materjali* jista' jidher ukoll fl-assenza ta' rtirar formali, iżda biss jekk ir-rikorrent jirċievi (i) *fl-intier* id-dokument(i) *kollha* mitluba minnhu fil-forma u sal-estent mitlub u (ii) *mingħand l-istituzzjoni* inkwistjoni, jew skont il-modalitajiet previsti fl-Artikolu 10(1) jew anki l-Artikolu 10(2) tar-Regolament Nru 1049/2001.

110. Tali sodisfazzjon sħiħ jista' jwassal għat-telf tal-*interest ġuridiku inizjali* quddiem il-qrati tal-Unjoni. Sakemm ma hemm l-ebda *interest ġuridiku ulterjuri jew ieħor* min-naħa tar-rikorrent (kwistjoni indirizzata fit-taqsimha li jmiss taħt it-tieni aggravju), it-telf komplet tal-*interest* fil-kawża jista' jiġi ppronunzjat eċċezzjonalment, bil-konsegwenza li ma jkun hemm l-ebda hteġa li tingħata deċiżjoni fuq il-kwistjoni⁵⁵.

111. Dwar il-fatti ta' din il-kawża, huwa ċar li l-appellanti la ngħatat sodisfazzjon formali u lanqas materjali. L-appellanti żżomm b'mod ċar l-*interest ġuridiku inizjali* li tara dawn il-proċeduri jaslu għal deċiżjoni fuq il-mertu. Għaldaqstant il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi. Id-digriet appellat għandu jiġi annullat.

C. It-tieni aggravju

112. Fil-fehma tiegħi, l-appellanti għandha tikseb suċċess fl-ewwel aggravju tagħha. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja taqbel mal-analiżi tiegħi rigward dak l-aggravju, ma jkun hemm l-ebda hteġa li jiġi eżaminat it-tieni aggravju. Madankollu, fid-dawl tal-kompitu tal-Avukat Ġenerali li jassisti l-Qorti tal-Ġustizzja kompletament, ser nagħmel ukoll f'it kummenti fil-qosor dwar it-tieni aggravju.

113. Dawn il-kummenti jistgħu verament ikunu relattivament konċiżi, peress li wara l-kawża ClientEarth, l-appellanti ċertament tkun korretta dwar it-tieni aggravju wkoll. Meta jiġu applikati l-konstatazzjonijiet f'dik il-kawża għall-fatti ta' din il-kawża, wieħed ma jistax ma jikkonkludix li, mhux talli hija qatt ma tilfet l-*interest* inizjali tagħha f'dawn il-proċeduri, iżda l-appellanti għandha wkoll *interest ulterjuri* li tikseb sentenza mill-Qorti Ġenerali, tal-inqas taħt l-intestatura li jiġi evitat li l-illegalità terġa' tiġri fir-rigward ta' talbiet potenzjali għal aċċess li hija tista' tagħmel fil-futur.

114. Fil-punt 33 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali sabet li ċ-ċaħda tal-Parlament li jagħti aċċess kienet speċifika għall-kawża u ta' natura *ad hoc*. L-allegata illegalità ma kinitx tali li terġa' tiġri fil-futur lil hinn miċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' din il-kawża. B'mod partikolari, "iċ-ċaħda tal-Parlament ipprovduta fid-deċiżjoni kkontestata kienet ibbażata fuq l-eċċezzjoni relatata mar-raġuni tal-protezzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji [...] sakemm tali proċeduri jibqgħu pendenti, peress li l-Parlament osserva li d-dokument mitlub kellu ness rilevanti għall-proċeduri ġudizzjarji

⁵⁵ Għal kawżi li fihom telf tal-*interest* *inizjali* bħal dan ġie biss *wara* l-preżentata tar-rikors, u meta ma hemm l-ebda fatturi speċifiċi, l-ispejjeż kollha għandhom jitħallsu mill-istituzzjoni tal-Unjoni – ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Settembru 2018, ClientEarth vs Il-Kummissjoni (C-57/16 P, EU:C:2018:660, punt 130) u d-digriet tas-17 ta' Diċembru 2019, Rogesa vs Il-Kummissjoni (C-568/18 P, mhux ippubblikat, EU:C:2019:1092, punt 37).

pendenti fil-kawża li wasslet għas-sentenza [fil-kawża E. De Capitani] u li l-kuntest tat-talba għall-aċċess kien ikkaratterizzat minn dibattiti intensivi fi blogs u fehmiet li kienu jistgħu jinfluwenzaw il-pożizzjoni tiegħu stess fil-kawża”.

1. Is-sottomissjonijiet tal-partijiet

115. L-appellanti, flimkien mal-Gvern Finlandiż u dak Svediż, jaqsmu l-fehma li l-appellanti żammet interess ġuridiku peress li l-illegalità inkwistjoni tista' terġa' sseħħ fil-futur, irrispettivament miċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ. Skont l-appellanti, iċ-ċaħda min-naħa tal-appellat li jagħti aċċess għad-dokument mitlub la kienet speċifika għaċ-ċirkustanzi tal-każ u lanqas ta' natura *ad hoc*. Bħal fil-kawża ClientEarth, l-appellanti wisq probabbli terġa' tagħmel talba għall-aċċess għal dokumenti simili bħal dak inkwistjoni fil-futur, peress li r-riċerka attwali tagħha fuq dak is-suġġett ser tkompli tal-inqas sal-2021.

116. L-appellanti ssostni wkoll li dokument ikkontestat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea huwa minnu nnifsu parti mill-proċeduri ġudizzjarji. L-eżistenza ta' dibattiti intensivi fi blogs ma tistax tkun raġuni għaż-żamma ta' dokumenti. Permezz tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali tkun fil-fatt ħolqot kategorija ta' dokumenti, jiġifieri deċiżjonijiet ta' ċaħda finali suġġetti għal kontestazzjoni ġudizzjarja, li ma jkunux suġġetti għall-iżvelar, u li għalihom preżunzjoni ġenerali (*de facto*) ta' nuqqas ta' żvelar tkun tapplika.

117. Min-naħa tiegħu, il-Gvern Finlandiż huwa tal-fehma li verament hemm riskju kunsiderevoli li l-appellat jirrifjuta li jiżvela d-deċiżjonijiet li jieħu fuq il-bażi tal-protezzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji fil-futur.

118. Skont l-appellat, l-appellanti tikkonfondi l-kwistjoni tal-interess ġuridiku kontinwu mal-legalità tad-deċiżjoni kkontestata. Il-Qorti Ġenerali kienet korretta meta kkunsidrat li l-kwistjoni dwar jekk id-deċiżjoni ta' ċaħda kinitx speċifika għall-każ u ta' natura *ad hoc* kienet element rilevanti. Iċ-ċaħda tal-aċċess kienet speċifika għaċ-ċirkustanzi tal-każ. Kienet ibbażata fuq eżami tad-dokument rilevanti fi ħdan il-kuntest speċifiku tal-proċeduri ġudizzjarji, li qajmu interess sinjifikattiv mill-istampa u l-pubbliku ġenerali. Għalhekk, l-appellat isostni li l-Qorti Ġenerali kienet korretta li ma kkaratterizzatx id-deċiżjoni ta' ċaħda tal-appellat bħala preżunzjoni ġenerali *de facto* ta' nuqqas ta' żvelar. Iċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża huma differenti minn dawk tal-kawża ClientEarth b'mod li din tal-aħħar ma tapplikax.

2. Il-kawża ClientEarth mill-ġdid

119. Naqbel mal-partijiet li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża ClientEarth hija verament deċiżiva għal din il-kawża. Madankollu, peress li ż-żewġ partijiet jidhru li qegħdin jisiltu konklużjonijiet kemxejn differenti minn dik id-deċiżjoni, jidher neċessarju li l-konstatazzjonijiet tagħha jiġu esposti fid-dettall.

120. Jista' jtifakkur li f'dik il-kawża⁵⁶, peress li l-Kummissjoni, fil-mument tat-teħid tad-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, kienet diġà ssodisfat materjalment kompletament it-talba magħmula mill-appellanti, kien fil-fatt l-interess ġuridiku ulterjuri jew addizzjonali li sar deċiżiv. Minħabba dan l-interess residwu jew *ulterjuri*, il-Qorti tal-Ġustizzja identifikat tliet fatturi bħala rilevanti.

⁵⁶ Ara iktar 'il fuq, il-punti 82 sa 85 ta' dawn il-konklużjonijiet.

121. L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li l-iżvelar tardiv tad-dokumenti, li seħħ wara li l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet kien ġie fi tmiemu, ma għinx sabiex l-iskopijiet imfittxija minn ClientEarth, permezz tat-talba tagħha għal aċċess, jintlaħqu, jiġifieri li tinfluwenza l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet ("*il-frustrazzjoni tal-iskop tal-iżvelar*")⁵⁷.

122. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-Kummissjoni bbażat id-deċiżjoni inizjali tagħha tal-preżunzjoni ġenerali li l-iżvelar ta' dokumenti redatti fil-kuntest tat-tnejjija ta' evalwazzjoni tal-impatt kien jippreġudika serjament il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Dik il-preżunzjoni ġenerali kienet probabbilment terġa' tiġi implimentata fil-futur mill-Kummissjoni b'risposta għal talbiet ġodda għal aċċess ta' dokumenti redatti fil-kuntest tat-tnejjija ta' evalwazzjoni tal-impatt kontinwa. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk ikkonkludiet li l-illegalità kienet probabbli ser terġa' sseħħ fil-futur ("*il-periklu ta' rikorrenza*")⁵⁸.

123. It-tielet nett, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li ClientEarth kienet partikolarment vulnerabbli għal tali implimentazzjonijiet ta' dik il-preżunzjoni fil-futur. Bħala organizzazzjoni li tftitx il-protezzjoni tal-ambjent, wieħed mill-kompiti tagħha kien li tippromwovi iktar trasparenza u legalità fir-rigward tal-proċess leġiżlattiv tal-Unjoni. Kien għalhekk probabbli li terġa' titlob aċċess għal dokumenti fil-futur u li l-Kummissjoni terġa' għal darba oħra tiċħad li tagħti tali aċċess għal dik it-talba fuq il-bażi ta' dik il-preżunzjoni ġenerali. Bħala konsegwenza, ClientEarth ikollha tressaq rikors ġdid għall-annullament sabiex tikkontesta l-merti ta' dik il-preżunzjoni ("*pożizzjoni speċjali ta' vulnerabbiltà*")⁵⁹.

3. *Il-periklu ta' rikorrenza*

124. B'kuntrast mal-appellanti, ma inieix kompletament ċert dwar sa liema estent it-tliet punti stabbiliti issa hawn fuq jikkostitwixxu fil-fatt "test", u sa liema estent dawn huma sempliċement tliet elementi ċirkustanzjali differenti li l-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat bħala rilevanti f'dik il-kawża partikolari sabiex twassal lil ClientEarth sal-linja finali f'termini ta' interess ġuridiku residwu sabiex taġixxi.

125. Madankollu, naqbel perfettament mal-appellanti meta ssostni illi jekk l-approċċ stabbilit fil-kawża ClientEarth, rigward il-probabbiltà tal-periklu ta' rikorrenza tal-allegata illegalità mwettqa mill-istituzzjoni, kellu jiġi applikat f'din il-kawża, dik il-kundizzjoni tkun issodisfatta.

126. Fil-fehma tiegħi, il-loġika sottostanti t-tieni kategorija tal-kawża ClientEarth tista' tinżamm relattivament sempliċi: ir-rifjut li jingħata aċċess f'dak il-każ, kien (i) ibbażat fuq proposta legali ġenerali li probabbilment tiġi applikata mill-appellat f'każijiet futuri, (ii) fir-rigward tal-istess appellata?

127. Il-loġika tal-eċċezzjoni ddefinita f'dan il-kuntest hija pjuttost ċara: la l-individwu (interess suġġettiv), lanqas fil-fatt il-qrati tal-Unjoni (interess oġġettiv), ma jixtiequ li jittrattaw b'mod repetittiv l-istess tipi ta' każijiet li fihom, minħabba l-aġir tal-istituzzjoni appellata, il-merti qatt ma huma ser jiġu indirizzati. Għalhekk, fl-interess tal-liġi u fil-fatt amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, l-"override button" tista' tiġi okkażjonalment magħfusa u kawża tinġieb fi tmiemha fil-mertu anki jekk, strettament, l-għan oriġinali ta' dik it-tilwima jkun ġie fix-xejn.

⁵⁷ Sentenza tal-4 ta' Settembru 2018, ClientEarth vs Il-Kummissjoni (C-57/16 P, EU:C:2018:660, punti 46 u 47).

⁵⁸ *Ibid.*, punti 49 sa 53.

⁵⁹ *Ibid.*, punt 54.

128. Madankollu, fir-rigward tal-approċċ ġenerali tagħha, il-kawża ClientEarth kienet fil-fatt pjuttost ġeneruża lejn ir-rikorrenti.

129. L-ewwel nett, il-probabbiltà tar-rikorrenza hija kjarament maqtugħa miċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, għalhekk kjarament “irrispettivament miċ-ċirkustanzi partikolari”⁶⁰. Dan huwa fil-fatt pjuttost loġiku: l-għan huwa li l-istess premessa legali (dubjuża) ma tkunx applikata f’każijiet simili oħra. Kieku dan ma kienx il-każ, wieħed jasal għal qari verament problematiku (u vojjt) ta’ dik il-kundizzjoni, li żżomm dejjem li kull każ huwa differenti u għalhekk kull deċiżjoni hija *ad hoc* u mhux trasferibbli. Iżda, dan ma huwiex dak li huwa intiż hawnhekk: huwa preċiżament il-potenzjal tat-trasferiment bejn il-każijiet individwali li għandu jinqabad.

130. It-tieni nett, dak li għalhekk ser jiġi stabbilit huwa l-formulazzjoni ta’ proposta legali ġenerali fuq livell ta’ prevedibbiltà raġonevoli, li tista’ tiġi applikata f’każijiet futuri. Fil-każ li tali premessa tista’ tiġi fformulata bbażata fuq dan il-każ, ċertament il-persuna potenzjali li titlob aċċess ma tkunx obbligata għib provi li dan ser ikun il-każ⁶¹. Probabbiltà raġonevoli tkun biżżejjed⁶².

131. It-tielet nett, madankollu, huwa ċar ukoll li l-probabbiltà ta’ rikorrenza għandha tkun marbuta *mal-istess persuna li titlob aċċess*. Jekk dan jew din tkunx persuna “partikolarment vulnerabbli” tista’ tkun ta’ xi piż f’dan ir-rigward, iżda jidher li d-deċiżjoni fil-kawża ClientEarth ma tasalx sal-punt li tintroduċi l-possibbiltà għal individwu li jħarrek fl-interess ġenerali, sempliċement billi jissuġġerixxi li l-istess tip ta’ illegalità tista’ tiġi mwettqa mill-istituzzjoni fir-rigward ta’ persuni oħra fil-futur. L-interess ġuridiku jibqa’ mal-individwu speċifiku li talab aċċess li kellu, fl-ewwel lok, interess individwali li jikkontesta d-deċiżjoni negattiva tal-Unjoni inkwistjoni sakemm każ li fuqu huwa ma kellu l-ebda kontroll seħħ, jiġifieri l-fatt li l-awtur tal-att ikkontestat bidel fehmtu għall-benefiċċju tal-individwu li talab aċċess f’każ speċifiku⁶³.

132. Filwaqt li ndur għall-każ preżenti, jiena fil-fatt marbut li naqbel mal-appellanti li dawn l-elementi tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża ClientEarth huma kompletament applikabbli għal dan l-appell.

133. L-ewwel nett, ir-rifjut kien ibbażat fuq proposta legali wiesgħa li tikkonċerna l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1049/2001 li tista’ terġa’ tiġi applikata? Fil-fatt kienet. Għal skopijiet prattiċi, dik il-preżunzjoni, jew aħjar regola legali jew proposta⁶⁴, tidher li tissuġġerixxi li *l-iżvelar tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni kkontestati quddiem il-qorti tal-Unjoni ikun ta’ preġudizzju serju għall-protezzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji għall-iskopijiet tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament Nru 1049/2001, b’mod partikolari meta dawn id-deċiżjonijiet iqajmu dibattiti intensivi*⁶⁵.

⁶⁰ Ara, pereżempju, minbarra s-sentenza tal-4 ta’ Settembru 2018, ClientEarth vs Il-Kummissjoni (C-57/16 P, EU:C:2018:660, punti 48 u 50), is-sentenzi tas-7 ta’ Ġunju 2007, Wunenburger vs Il-Kummissjoni (C-362/05 P, EU:C:2007:322, punt 52), u tat-30 ta’ April 2020, Izba Gospodarcza Producentów i Operatorów Urządzeń Rozrywkowych vs Il-Kummissjoni (C-560/18 P, EU:C:2020:330, punt 40).

⁶¹ Li ċertament ma jipprekludix li jkun hemm xi rikorrenti li huma sħaħar u li huma verament kapaċi jipproduċu provi dwar il-futur.

⁶² Fil-fatt, fil-punt 53 tal-kawża ClientEarth, il-Qorti tal-Ġustizzja tasal sal-punt li effettivament taqleb dan il-piż fuq l-istituzzjoni appellata, billi tipprovdli li “l-preżunzjoni ġenerali...wisq probabbli tiġi implimentata għal darb’oħra fil-futur mill-Kummissjoni b’risposta għal talbiet ġodda [...] *possibbiltà li, barra minn hekk, ma ġietx ikkontestata minn dik l-istituzzjoni*”. Enfasi miżjud minni.

⁶³ Ara, f’dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta’ April 2020, Izba Gospodarcza Producentów i Operatorów Urządzeń Rozrywkowych vs Il-Kummissjoni (C-560/18 P, EU:C:2020:330, punti 49 u 50), li kkonfermat il-kawża ClientEarth, minkejja li ddistingwixxiet iż-żewġ kawżi fuq il-fatti tagħhom sabiex tasal għal konklużjoni differenti. Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Pitruzzella fil-kawża Izba Gospodarcza Producentów i Operatorów Urządzeń Rozrywkowych vs Il-Kummissjoni (C-560/18 P, EU:C:2019:1052, punt 88).

⁶⁴ F’moħħi, dak li għalih immirat ClientEarth ma kienx fil-fatt preżunzjoni legali (fis-sens ta’ *presumptio iuris* u l-implikazzjonijiet legali kollha ta’ tali interpretazzjoni), iżda iktar proposta legali jew regola legali.

⁶⁵ Bil-proposta fformulata f’dan il-kuntest li tixbah il-proposta li għaliha għamlet riferiment il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża ClientEarth fil-punt 49 ta’ dik id-deċiżjoni.

134. Tista' tali proposta legali tiġi applikata f'każijiet futuri? Ċertament li tista', faċilment ħafna, u b'impatt kemxejn tqil fuq l-aċċess għal dokumenti fi kwalunkwe każijiet simili: kwalunkwe deċiżjoni finali amministrattiva li tinzerta suġġetta għal reviżjoni amministrattiva quddiem il-qrati tal-Unjoni tista' fil-fatt tiġi eskluża mill-possibbiltà ta' aċċess skont ir-Regolament Nru 1049/2001 għal perijodi kemxejn estiżi ta' żmien li jittieħed sabiex isir l-istħarriġ ġudizzjarju quddiem il-qrati tal-Unjoni⁶⁶.

135. It-tieni nett, mingħajr ma nixtieq nidħol fid-dibattitu intriganti dwar jekk l-akkademiċi li jercievu għotjiet għar-riċerka jikkostitwixxux grupp partikolarment vulnerabbli (fis-sens tal-kawża ClientEarth), ġie ssuġġerit li huwa possibbli li l-appellanti nnifisha tippreżenta talbiet ulterjuri għall-aċċess għal dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-futur. L-appellanti hija mqabbdha tagħmel riċerka proprju dwar dan is-suġġett, filwaqt li r-riċerka attwali tagħha hija ffinanzjata minn għotja li tkompli sa mill-inqas l-2021. Għalhekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża ClientEarth, hemm probabbiltà raġonevoli li jsiru iktar talbiet mill-istess appellanti, jew aħjar, fuq il-fatti kollha miġjuba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, tali probabbiltà ta' talbiet futuri ċertament ma jstgħux jiġu esklużi.

136. Fil-qosor, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tkun tixtieq li teżamina wkoll it-tieni aggravju mressaq mill-appellanti, hija l-fehma tiegħi li anki dan l-aggravju huwa fondat.

D. Portata ta' din il-kawża

137. L-appellanti talbet lil din il-qorti tħassar id-digriet appellat. Barra minn hekk, hija talbet ukoll lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel użu mit-tieni sentenza tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Din id-dispożizzjoni tagħti setgħa lill-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti sentenza finali fil-kwistjoni, meta l-istat tal-proċedura jippermetti, mingħajr ma' tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali għal deċiżjoni.

138. F'dan il-każ, peress li l-Qorti Ġenerali la eżaminat l-ammissibbiltà u lanqas is-sustanza tat-tilwima miġjuba quddiemha, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-digriet mistħarreġ u tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, fid-dawl tal-kors pjuttost singolari tal-proċeduri f'din il-kawża, id-diskussjoni meħtieġa li kellha ssir fuq dawn il-kwistjonijiet ġiet maqtugħa fil-qosor mir-rifokalizzazzjoni tat-tilwima mill-Qorti Ġenerali fil-forma tal-miżura tagħha tal-organizzazzjoni tal-proċedura mogħtija skont l-Artikolu 89 tar-Regoli tal-Proċedura.

V. Konklużjoni

139. Nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha:

- tannulla d-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-20 ta' Settembru 2018 fil-kawża Leino-Sandberg vs Il-Parlament (T-421/17, mhux ippublikat, EU:T:2018:628);

⁶⁶ Mingħajr biss il-ħtieġa li nidħol f'diskussjoni dwar x'jista' jfisser għall-kuntest tat-talba li tkun "ikkaratterizzata minn dibattiti intensivi fuq blogs" (punt 33 tad-digriet appellat), u minflok sempliċement ninnota l-paradoss affaxxinanti f'dik il-proposta: jekk xi ħaġa hija ta' interess u għalhekk possibbli li tqajjem dibattitu, għandu minħabba f'hekk l-aċċess għaliha jiġi rrifutat? L-ispiss imsemmija ftuħ, trasparenza, u iktar responsabbiltà tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni (Premessa 2 tar-Regolament Nru 1049/2001) huma mfittxija biss fir-rigward ta' deċiżjonijiet li huma ta' ebda interess għal kulħadd?

- tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali;
- tirriżerva l-ispejjeż.